Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Marzu 2023**
**(OR. en)**

**6796/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0055(COD)**

**TRANS 73**
**JAI 209**
**CATS 13**
**IA 28**
**CODEC 252**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 1 ta' Marzu 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 128 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-effett fl-Unjoni kollha ta' ċerti skwalifiki tas-sewqan |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 128 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 128 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.3.2023
COM(2023) 128 final

2023/0055 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-effett fl-Unjoni kollha ta' ċerti skwalifiki tas-sewqan

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2023) 128-129} - {SEC(2023) 350}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

It-titjib tas-sikurezza fit-toroq hu objettiv ewlieni tal-politika tat-trasport tal-Unjoni. L-Unjoni qed tħaddem politika li ttejjeb is-sikurezza fit-toroq biex jonqsu l-imwiet, il-korrimenti u l-ħsarat materjali.

Fl-aħħar 20 sena, it-toroq tal-UE saru ferm aktar sikuri. L-għadd ta' fatalitajiet fit-toroq naqas b'61,5% minn madwar 51 400 fl-2001 għal madwar 19 800 fl-2021. Iżda t-titjib fis-sikurezza fit-toroq ma kienx kbir biżżejjed biex jissodisfa l-ambizzjoni politika tal-UE li tnaqqas l-għadd tal-imwiet fit-toroq b'50% bejn l-2001 u l-2010, u b'50% oħra bejn l-2011 u l-2020 (jiġifieri b'75% bejn l-2001 u l-2020), u dan joħroġ minn għadd ta' dokumenti strateġiċi li ħarġet il-Kummissjoni fl-aħħar għoxrin sena, bħall-*White Paper dwar il-Politika Ewropea tat-Trasport għall-2010*[1], jew il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Lejn żona Ewropea ta' sikurezza fit-toroq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020*[2]. Fl-*Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti*[3] tagħha tal-2020, il-Kummissjoni impenjat ruħha li jirnexxilha xxejjen il-fatalitajiet fil-modi kollha tat-trasport sal-2050.

Filwaqt li l-għadd tal-fatalitajiet fit-toroq fl-2020 kien 17% inqas minn tal-2019, dan kien influwenzat ħafna mit-tnaqqis bla preċedent fil-volumi tat-traffiku fit-toroq minħabba l-pandemija tal-COVID-19[4]. Tul is-snin ta' qabel l-2020, ftit li xejn kien hemm tnaqqis fl-għadd tal-fatalitajiet fit-toroq. Dan it-tnaqqis, li diġà kien inkiseb viċin l-2014, wassal biex il-Ministri għat-Trasport tal-Istati Membri tal-Unjoni joħorġu dikjarazzjoni ministerjali dwar is-sikurezza fit-toroq fil-Kunsill informali tat-trasport fil-Belt Valletta f'Marzu 2017[5]. F'dik id-dikjarazzjoni, l-Istati Membri talbu lill-Kummissjoni tesplora t-tisħiħ tal-qafas ġuridiku tal-Unjoni dwar is-sikurezza fit-toroq biex dik it-tendenza ta' staġnar ma tissoktax.

Id-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta[6] appellat b'mod espliċitu għal azzjoni dwar il-kwistjoni tar-rikonoxximent reċiproku tal-iskwalifiki tas-sewqan fejn jidħlu s-sewwieqa mhux residenti:

"*Il-ministri tat-trasport jitolbu lill-Kummissjoni biex:* (…) *tesplora t-tisħiħ tal-qafas ġuridiku tal-Unjoni dwar is-sikurezza fit-toroq b'enfasi partikolari fuq il-kooperazzjoni tal-Istati Membri dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-iskwalifiki tas-sewqan tas-sewwieqa mhux residenti, mingħajr preġudizzju għall-bażi(jiet) ġuridiċi xierqa għal tali proposti* (…)."

F'dak il-kuntest, element importanti tal-isforzi tal-Unjoni biex titjieb is-sikurezza fit-toroq hu l-infurzar konsistenti tas-sanzjonijiet għar-reati tat-traffiku mwettqa fit-toroq tal-Unjoni. Madankollu, skont il-qafas ġuridiku attwali, is-sanzjoni tal-iskwalifika tas-sewqan ma jistax

---

[1] COM(2001) 370 final.

[2] COM(2010) 389 final.

[3] COM(2020) 789 final.

[4] Matul l-ewwel lockdown f'April 2020, il-Kunsill Ewropew għas-Sikurezza tat-Trasport (ETSC) irrapporta tnaqqis ta' 70-85% fil-volumi tat-traffiku fi bliet Ewropej ewlenin (https://etsc.eu/covid-19-huge-drop-in-traffic-in-europe-but-impact-on-road-deaths-unclear/)

[5] Ara: https://eumos.eu/wp-content/uploads/2017/07/Valletta_Declaration_on_Improving_Road_Safety.pdf; f'Ġunju 2017, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar is-sikurezza fit-toroq li japprovaw id-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta (ara d-dokument 9994/17).

[6] Id-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta dwar is-Sikurezza fit-Toroq, 2015, il-punt 9(c).

ikollha effett fl-Unjoni kollha jekk ir-reat jitwettaq fi Stat Membru differenti minn dak li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan.

Peress li l-ħruġ tal-liċenzji tas-sewqan hu att sovran, dak id-dokument ma jistax jiġi rtirat bl-istess effett minn Stat Membru ieħor. Għalhekk, l-Istat Membru biss li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan li jista' jirrevokaha b'effett fl-Unjoni kollha. L-Istati Membri l-oħra jistgħu jirrestrinġu biss id-dritt tas-sewqan fir-rigward tat-territorju rispettiv tagħhom, f'konformità mal-prinċipju tat-territorjalità[7]. Għalhekk, biex l-iskwalifiki tas-sewqan ikollhom effett fl-Unjoni kollha, u biex tkun evitata l-impunità relattiva tal-awturi tar-reat tat-traffiku tat-triq, hu essenzjali li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni.

L-awtoritajiet li jistgħu jadottaw deċiżjonijiet li jimponu skwalifiki tas-sewqan ivarjaw fost l-Istati Membri. Għalhekk, l-impożizzjoni tal-iskwalifika tas-sewqan fl-Unjoni kollha jenħtieġ li tiġi stabbilita abbażi tal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan. Skont il-proposta, l-Istati Membri se jkunu obbligati jipprovdu effett awżiljarju fl-Unjoni kollha, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom stess, għal skwalifika tas-sewqan li jkun impona Stat Membru ieħor.

Il-qafas jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-prinċipju li l-effetti relatati mal-irtirar, is-sospensjoni jew ir-restrizzjoni ta' liċenzja tas-sewqan jenħtieġ li jiġu applikati bl-aktar mod wiesa' possibbli fl-Unjoni kollha, u b'hekk tiġi stabbilita skwalifika għall-Unjoni kollha. B'qafas bħal dan, l-UE tkun tista' tikseb riżultati simili daqslikieku d-deċiżjonijiet li jwasslu għall-iskwalifiki tas-sewqan ikunu ġew rikonoxxuti b'mod reċiproku, u fl-istess ħin jiġu indirizzati wkoll l-ispeċifiċitajiet tat-trasport bit-triq u jkun żgurat li ma jkun hemm l-ebda duplikazzjoni bejn l-effett tal-iskwalifiki tas-sewqan fl-Unjoni u l-istrumenti użati fil-qasam tal-kooperazzjoni kriminali.

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-inizjattiva jkopri dawk ir-reati tat-traffiku fit-toroq li jikkontribwixxu l-aktar għall-inċidenti u l-fatalitajiet tat-traffiku fit-toroq, jiġifieri: il-veloċità żejda; is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb; is-sewqan taħt l-effett tad-drogi u l-ikkawżar ta' mewt jew korriment gravi fuq il-persuna minħabba xi reat tat-traffiku relatat mas-sikurezza fit-toroq.

Il-veloċità mhux biss għandha influwenza diretta fuq l-okkorrenza tal-ħabtiet u fuq is-severità tal-ħabtiet, iżda bħala medja, il-veloċità żejda hi fil-fatt l-aktar reat tat-traffiku fit-toroq irreġistrat[8]. In-numru tal-ħabtiet u s-severità ta' dawk il-ħabtiet jiżdiedu b'mod esponenzjali hekk kif tiżdied il-veloċità tas-sewqan. Bl-istess mod, it-tnaqqis tal-veloċità bi ftit km/siegħa biss jista' jnaqqas ġmielhom in-numru u s-severità tal-ħabtiet[9].

Is-sehem tar-reati tal-veloċità żejda mwettqa mis-sewwieqa mhux residenti jista' jvarja ħafna fost l-Istati Membri. Bħala medja, madwar 18% tar-reati kollha tal-veloċità żejda jwettquhom is-sewwieqa mhux residenti. Dan ifisser li hemm grupp materjali ta' sewwieqa li jwettqu reati serji tat-traffiku fi Stati Membri oħra iżda li ma jinżammux responsabbli (għalkollox) għalihom. L-infurzar tal-veloċità għandu l-għan li jiskoraġġixxi lis-sewwieqa milli jaqbżu l-limiti tal-veloċità billi jippenalizza lil dawk li jagħmlu dan. Dan mhux biss jaffettwa l-veloċità

---

7 Din l-interpretazzjoni tittenna kontinwament fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea wkoll, ara pereżempju: il-Kawża C-419/10, Hofmann, ECLI:EU:C:2012:240, u l-Kawża C-260/13, Aykul, ECLI:EU:C:2015:257.

8 https://etsc.eu/wp-content/uploads/ETSC_PINFLASH42_v2TH_JC_FINAL_corrected-060522.pdf

9 Ibid.

tas-sewwieqa li jħossuhom rappreżentati minn dawk li fil-fatt jiġu penalizzati (deterrenza speċifika), iżda jaffettwa wkoll lil dawk li jaraw jew jisimgħu li s-sewwieqa qed jibqgħu jiġu penalizzati (deterrenza ġenerali)[10].

Bi tneħħija parzjali tal-impunità eżistenti ta' dawn l-atturi tar-reati billi l-Istati Membri jitħallew jirrikonoxxu b'mod reċiproku l-iskwalifiki tas-sewqan li jirriżultaw mill-veloċità żejda, il-veloċità tas-sewqan tagħhom mistennija tonqos għax jibdew iħossu l-ħtieġa li jikkonformaw mar-regolamenti dwar il-veloċità barra mill-pajjiż bl-istess mod kif jagħmlu fl-Istat Membru tagħhom. Fil-fatt, speċjalment meta wieħed iqis li l-veloċità żejda hi l-aktar reat tat-traffiku fit-triq imwettaq, ir-rikonoxximent reċiproku tal-iskwalifiki tas-sewqan li jirriżultaw mit-twettiq ta' dan ir-reat mistenni jkollu effett sinifikanti qabelxejn fuq is-sikurezza fit-toroq, għax pereżempju ċerti partijiet ikkonċernati jistmaw li jistgħu jiġu salvati 2 100 ħajja kull sena jekk il-veloċità medja tonqos b'sempliċiment 1 km/siegħa fit-toroq kollha fl-UE[11].

L-istess loġika tapplika għas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb. L-għadd ta' reati tas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb fl-2019 kien stmat 1,2 miljun u mistenni jiżdied għal 1,5 miljun sal-2030 u għal 2,4 miljun sal-2050, abbażi tal-iżvilupp tal-intensità tal-infurzar fil-perjodu 2010-2019[12]. Studju riċenti mwettaq fil-kuntest tal-proġett DRUID (Sewqan taħt l-influwenza tad-Droga, l-Alkoħol u l-Mediċini) intuża biex jiġi stmat is-sehem tar-reati li fihom il-konċentrazzjoni ttestjata tal-alkoħol fid-demm (BAC) kienet iżjed minn 0,8[13]. Fil-livell tal-UE, madwar 26% tar-reati kollha tal-alkoħol ġew stmati bħala gravi, u konsegwenza potenzjali tagħhom tkun li tintilef il-liċenzja. Barra minn hekk, ġie stmat li s-sewwieqa mhux residenti jwettqu madwar 15% tar-reati kollha tat-traffiku[14].

Bl-istess mod, id-drogi jistgħu jaffettwaw il-funzjonijiet mentali u fiżjoloġiċi, u jikkawżaw indeboliment. Fil-fatt, abbażi ta' studji epidemjoloġiċi tal-fatalitajiet fit-toroq fil-livell nazzjonali, hu stmat li s-sehem tal-fatalitajiet fit-toroq bl-involviment tad-drogi (inkluż il-mediċini) hu bejn 15% u 25%[15]. Skont rapport ieħor tal-proġett DRUID[16], il-fattur primarju tad-deterrent ġenerali dwar is-sewqan taħt l-influwenza ta' droga hu r-riskju perċepit li wieħed jinqabad, iżda stħarriġ li sar fl-2018 wera li 14% biss tal-popolazzjoni ġenerali li ssuq jemmnu li aktarx se jitwaqqfu biex jiġu ċċekkjati għall-użu tad-drogi illegali[17]. Għalhekk, jenħtieġ li tiżdied il-viżibbiltà tal-infurzar tar-reati relatati mas-sewqan taħt l-influwenza tad-drogi. Dwar dik il-kunsiderazzjoni u dwar ir-rabta bejn id-drogi u l-alkoħol (imsejħa flimkien bħala "sewqan taħt l-influwenza" jew "DUI"), fid-Direttiva proposta jeħtieġ jiġi inkluż ir-reat tas-sewqan taħt l-influwenza tad-drogi.

---

10 Ibid.

11 ETSC (2019), PIN Flash 36, Reducing Speeding in Europe https://bit.ly/2YZgSzr

12 Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport, Modijefsky, M., Janse, R., Spit, W., et al., Prevention of driving under the influence of alcohol and drugs: rapport finali, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, https://data.europa.eu/doi/10.2832/284545

13 Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (2012): Driving Under the Influence of Drugs, Alcohol and Medicines in Europe – findings from the DRUID project (https://www.emcdda.europa.eu/attachements.cfm/att_192773_EN_TDXA12006ENN.pdf)

14 SWD(2023) 126 final

15 Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport, Modijefsky, M., Janse, R., Spit, W., et al., Prevention of driving under the influence of alcohol and drugs : rapport finali, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, https://data.europa.eu/doi/10.2832/284545

16 Microsoft Word - FINAL Deliverable 4_2_1 DRAFTv10 (bast.de)

17 https://www.esranet.eu/en/publications/

Minbarra r-reati relatati mal-veloċità żejda u s-sewqan taħt l-influwenza, hemm imġiba oħra li tikser ir-regolamenti tat-traffiku fit-toroq u li tista' twassal għal korriment serju jew saħansitra għal fatalità, b'mod partikolari tal-utenti vulnerabbli tat-toroq bħat-tfal, il-persuni mexjin, iċ-ċiklisti, u persuni fuq l-iscooters (elettriċi) u dawk b'mobbiltà mnaqqsa. Rigward dawk il-kunsiderazzjonijiet, id-Direttiva proposta tipprevedi li testendi l-effett tal-iskwalifiki tas-sewqan li jirriżultaw minn dawk l-azzjonijiet għall-UE kollha kemm hi.

L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2006/126/KE[18] kkonkludiet li n-nuqqas ta' qafas speċifiku u effiċjenti tal-UE għall-iskwalifiki tas-sewqan joħloq sfidi fejn jidħlu l-prevenzjoni tal-abbużi mis-sewwieqa li jwettqu reati fit-territorju ta' Stat Membru wieħed iżda mbagħad jistgħu jkomplu jsuqu fi Stat Membru ieħor mingħajr konsegwenzi għar-reati. Dan kien korroborat mill-fehmiet ta' 16 minn 21 rispondent li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet nazzjonali, u li skonthom il-fatt li l-persuni residenti u mhux residenti tal-Istat Membru fejn ikun twettaq ir-reat ma jbatux l-istess konsegwenzi rigward l-iskwalifika tas-sewqan hu problema ġeneralment importanti. Meta ġew mistoqsija dwar in-nuqqas ta' skwalifika tas-sewqan fl-Unjoni kollha miksuba bir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet, xi Stati Membri kkonfermaw li din tagħmel l-infurzar tal-iskwalifika bejn il-fruntieri diffiċli u għalhekk toħloq riskju għas-sikurezza fit-toroq fl-UE, speċjalment meta l-projbizzjoni tas-sewqan tkun ir-riżultat ta' reat serju (eż. is-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol). L-istħarriġ immirat għall-awtoritajiet nazzjonali mwettaq fil-kuntest tal-evalwazzjoni kkonferma b'mod wiesa' li jista' jkun hemm impatt negattiv fuq is-sikurezza fit-toroq u jista' jkun hemm turiżmu tal-liċenzji tas-sewqan, li jirriżultaw min-nuqqas ta' qafas tal-UE għall-iskwalifiki tas-sewqan għalkemm l-impatt tiegħu jkun diffiċli li jiġi vvalutat.

Meta dan il-Memorandum ta' Spjegazzjoni jirreferi għar-rikonoxximent reċiproku tal-iskwalifiki tas-sewqan fil-kuntest tal-ħidma preparatorja, jenħtieġ li jinqara bħala l-objettiv ta' politika li jipprevedi effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan, għax dan dejjem kien l-iskop oriġinali tal-inizjattiva.

Barra minn hekk, li jiġi previst effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan bir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet kien ġie eżaminat ukoll fil-kuntest tal-ħidma preparatorja għad-Direttiva 2015/413[19].

Fil-ħidma preparatorja tar-reviżjoni tad-Direttiva 2006/126/KE, il-maġġoranza l-kbira tar-rispondenti tal-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa (OPC) (68%, 5 146 minn 7 532) iddikjaraw li hu importanti jew importanti ħafna li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva biex ikun jinkludi regoli dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-iskwalifiki tas-sewqan. Ħafna mill-partijiet ikkonċernati[20] wrew l-appoġġ tagħhom waqt is-sessjonijiet ta' ħidma u l-intervisti mmirati li jiġi żviluppat il-kunċett tar-rikonoxximent reċiproku tal-iskwalifiki tas-sewqan. Iżda n-Netherlands semmiet xi tħassib ġuridiku[21], u l-Ġermanja wriet xi tħassib mill-inqas fil-fażi inizjali.

---

18 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2022)0017 final, Evalwazzjoni tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan.

19 L-istatistika u r-riżultati tal-istħarriġ ippreżentati hawnhekk jiffurmaw parti mill-Istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt għar-reviżjoni tad-Direttiva (UE 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transfruntier tal-informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, il-konsorzju ECORYS (2022), MOVE/C2/SER/2019-425/SI2.819667 – żid il-link.

20 Il-Federazzjoni Ewropea tal-vittmi tat-toroq, FR, ETSC, HU, SE, SI, BE, CEETAR, u NL.

21 In-Netherlands urew tħassib dwar id-diversi regoli u proċeduri applikabbli fl-UE.

B'mod ġenerali, ħafna partijiet ikkonċernati kienu favur l-iskwalifika tas-sewqan fl-Unjoni kollha miksuba bir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet, speċjalment b'rabta mar-reati relatati mal-veloċità żejda u mas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb. Dan tikkonfermah il-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa, għax madwar 6 106 (81%) u 4 966 (66%) minn 7 532 rispondent dehrilhom li skwalifika tas-sewqan fl-Unjoni kollha miksuba bir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet li jirriżultaw mis-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol jew tad-drogi u mill-veloċità żejda huma importanti jew importanti ħafna għar-reviżjoni tad-Direttiva 2006/126/KE rispettivament. B'mod partikolari, meta ġew mistoqsija dwar liema reati jenħtieġ li jingħataw dan l-effett fl-UE, 87% tar-rispondenti tal-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa (6 586 minn 7 532) għażlu s-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol u d-drogi u 46 % (3 470 minn 7 532) għażlu l-veloċità żejda. Fl-intervisti mmirati, xi partijiet ikkonċernati[22] wrew l-appoġġ li jkollna skwalifika tas-sewqan fl-Unjoni kollha miksuba bir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet li jirriżultaw mill-veloċità żejda u mis-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb. Anki l-Iżvezja, is-Slovenja u l-Belġju wrew l-appoġġ, iżda għarfu d-diffikultajiet biex jinstab ftehim ma' Stati Membri oħra u bl-implimentazzjoni fil-prattika.

In-nuqqas ta' qafas ċar tal-UE għall-iskwalifiki tas-sewqan fl-Unjoni kollha miksuba bir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet jippreżenta sfidi relatati mal-prevenzjoni tal-abbuż mis-sewwieqa u jaffettwa s-sikurezza fit-toroq. Din is-sejba kkorroborawha wkoll l-Istati Membri waqt l-intervisti mmirati. It-tnaqqis tal-imġiba perikoluża mis-sewwieqa u tal-għadd ta' sewwieqa mhux liċenzjati jidher li hu fattur rilevanti għall-partijiet ikkonċernati li wieġbu l-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa. Fil-fatt, madwar 55% (5 063 minn 7 532) u 69% (5 201 minn 7 532) minnhom, rispettivament, ikklassifikawhom bħala estremament importanti jew importanti ħafna.

Fl-istħarriġ immirat, skont maġġoranza kbira tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali, il-fatt li l-persuni residenti u mhux residenti tal-Istat Membru fejn ikun twettaq ir-reat ma jbatux l-istess konsegwenzi rigward l-iskwalifika tas-sewqan fl-UE hu problema ġeneralment importanti (16/21). Fl-istħarriġ immirat, ir-rispondenti mill-organizzazzjonijiet nongovernattivi qablu li l-fatt li l-persuni residenti u mhux residenti ma jbatux l-istess konsegwenzi rigward l-iskwalifika tas-sewqan hu problema importanti fejn tidħol is-sikurezza fit-toroq (64%). Bl-istess mod qablu li l-fatt li l-persuni residenti u mhux residenti ma jbatux l-istess konsegwenzi rigward il-penali jew il-punti mnaqqsa hu problema importanti fejn tidħol is-sikurezza fit-toroq (64%).

L-awtoritajiet nazzjonali dehrilhom li bħala medja, l-għadd ta' reati li jwasslu għal skwalifika tas-sewqan imwettqa fis-sena hu fil-medda ta' bejn 25 000 u iżjed minn 50 000. L-għadd ta' skwalifiki tas-sewqan għas-sewwieqa residenti (eż. meta l-liċenzja tas-sewqan tkun inħarġet fl-istess Stat Membru li jimponi l-iskwalifika) kien stmat fil-medda ta' bejn 0 u 5 000. L-għadd ta' skwalifiki tas-sewqan għas-sewwieqa mhux residenti (eż. meta l-liċenzja tas-sewqan ma tkunx inħarġet fl-Istat Membru li jimponi l-iskwalifika) kien stmat fil-medda ta' bejn 0 u 5 000. Aktar rispondenti stmaw li l-għadd ta' reati li jwasslu għal penali jew punti mnaqqsa kull sena hu fil-medda ta' bejn 0 u 1 000. Ftit aktar rispondenti stmaw li l-għadd ta' reati li jwasslu għal penali jew punti mnaqqsa għas-sewwieqa residenti (eż. meta l-liċenzja tas-sewqan tkun inħarġet fl-istess Stat Membru li jimponi l-penali jew punti mnaqqsa) hu fil-

22 Il-Kunsill Ewropew għas-Sikurezza tat-Trasport, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Muturi u d-Dansk Kørelærer-Union

medda ta' bejn 0 u 1 000. L-għadd ta' reati li jwasslu għal penali jew punti mnaqqsa jindika li s-sewwieqa residenti fi Stat Membru ieħor tal-UE (eż. meta l-liċenzja tas-sewqan ma tkunx inħarġet fl-Istat Membru li jimponi l-iskwalifika) kien stmat fil-medda ta' bejn 0 u 5 000.

Fid-dawl tal-ħidma preparatorja, hu kkonfermat li jekk titwaqqaf sistema speċifika u effiċjenti biex jinkisbu effetti fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan aktarx li jitħalla effett sinifikanti fuq is-sikurezza fit-toroq. Barra minn hekk, din il-proposta tifforma parti minn pakkett li jikkonċerna r-reviżjoni ta' żewġ direttivi relatati oħra:

- id-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transfruntier tal-informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq[23] u
- id-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan[24].

Id-Direttiva (UE) 2015/413 hi waħda mill-pedamenti tal-infurzar ta' ċerti reati tat-traffiku fit-toroq definiti sew, meta dawn ir-reati jitwettqu b'vettura reġistrata fi Stat Membru ieħor li mhux dak tar-reat, u li f'ħafna mill-każijiet jidher ukoll li dan ir-reat ikun twettaq minn awtur tar-reat mhux residenti. Għalhekk kien importanti li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta jiġi kemm jista' jkun allinjat mar-reati ta' dik l-inizjattiva. Inkella, l-awtoritajiet tal-infurzar jaf ma jkollhomx għodod biżżejjed biex iwettqu investigazzjoni fil-prattika li twassal għall-iskwalifika tas-sewqan. Barra minn hekk, l-awturi tar-reat mhux residenti jaf ma jkunux igawdu l-istess livell ta' salvagwardji proċedurali bħall-kontropartijiet residenti tagħhom, li r-reviżjoni ta' dik id-Direttiva għandha l-għan li tiżgura aħjar. Fil-ħidmiet preparatorji ta' din il-proposta, deher ċar li, filwaqt li l-limiti applikabbli li jwasslu għal skwalifiki tas-sewqan ivarjaw b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, ċerti reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq jikkawżaw skwalifiki tas-sewqan fl-Istati Membri kollha jew f'ħafna minnhom.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Li titwaqqaf sistema għal effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan tal-awturi tar-reati mhux residenti kien kontinwament punt fokali tal-inizjattiva għar-reviżjoni tad-Direttiva 2006/126/KE[25].

L-Artikolu 11(4) ta' dik id-Direttiva jirregola ċerti elementi tal-iskwalifiki tas-sewqan. Ir-reviżjoni tad-Direttiva 2006/126/KE, imwettqa b'mod paralleli ma' din l-inizjattiva għal raġunijiet ta' konsistenza u koerenza legali, se tkopri l-ħruġ tal-liċenzji tas-sewqan lis-sewwieqa skwalifikati u l-eżenzjonijiet tar-rikonoxximent reċiproku tal-(validità tal-)liċenzji tas-sewqan meta d-detentur ikun soġġett għal skwalifika fi Stat Membru ieħor li mhux dak li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan. Barra minn hekk, se jkun fiha dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw l-infurzar tal-iskwalifiki parzjali tas-sewqan permezz tal-possibbiltà ta' approvazzjonijiet.

Il-proposta għal att legali speċifiku biex jinkiseb effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki bir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet kienet ukoll għan rikorrenti tal-Kummissjoni. Fl-2006, il-Kummissjoni indikat f'Komunikazzjoni dwar l-iskwalifiki li jirriżultaw minn

[23] Id-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (ĠU L 68, 13.3.2015, p. 9).

[24] Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan (riformulazzjoni) (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).

[25] Cf. il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu tal-inizjattiva għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12978-Revizjoni-tad-Direttiva-dwar-il-Licenzji-tas-Sewqan_mt

kundanni kriminali[26] li kienet qed tikkunsidra li tipproponi att legali biex tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar l-iskwalifiki tas-sewqan[27]. Rigward ir-rikonoxximent reċiproku tal-iskwalifiki b'mod ġenerali, il-Kummissjoni ddikjarat bħala parti minn dik il-Komunikazzjoni li taqbel ma' approċċ settorjali, fis-setturi li għandhom bażi komuni bejn l-Istati Membri (bħall-iskwalifiki tas-sewqan).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hi konsistenti għalkollox ukoll mal-acquis ewlieni dwar is-sikurezza fit-toroq.

Ma għandha l-ebda rilevanza sinifikanti fuq id-Direttiva (UE) 2022/2561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] u fuq ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [29]. Hi konsistenti wkoll mal-*Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030 - Il-pass li jmiss lejn "Viżjoni Żero"*[30].

Kif imsemmi hawn fuq, id-Direttiva (UE) 2015/413 qed tiġi riveduta b'mod paralleli ma' din il-proposta, għal raġunijiet ta' konsistenza u koerenza legali. F'dak ir-rigward jenħtieġ li jittenna li d-Direttiva (UE) 2015/413 mistennija ssir il-pedament tal-investigazzjoni, u għalhekk indirettament tikkontribwixxi wkoll għall-infurzar b'mod partikolari meta l-awtur tar-reat ikun ġie identifikat mill-bogħod. Peress li d-Direttiva riveduta (UE) 2015/413 għandha l-għan li twessa' l-iskambju tal-informazzjoni u l-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri, tista' ssir suppożizzjoni li l-għadd tar-reati investigati b'suċċess, u għaldaqstant l-iskwalifiki tas-sewqan imposti, se jiżdiedu sostanzjalment.

Bl-istess mod, ir-reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2015/413 għandha l-għan li tipprovdi livell ogħla ta' protezzjoni tad-drittijiet proċedurali u fundamentali lill-awturi tar-reati mhux residenti segwiti jew maqbuda, irrispettivament minn jekk ir-reat ikunx ġie identifikat mill-bogħod jew jekk l-attur tar-reat ikunx inqabad qabel ma telaq mill-Istat Membru tar-reat.

Ir-reviżjoni tad-Direttiva 2006/126/KE u l-qafas tal-liċenzja tas-sewqan tal-Unjoni se jikkumplimentaw ukoll ir-regoli stabbiliti mid-Direttiva proposta kif imsemmi hawn fuq. Barra minn hekk, id-Direttiva riveduta dwar il-liċenzji tas-sewqan se tgħin fl-infurzar prattiku tar-restrizzjonijiet parzjali mqiegħda fuq is-sewwieq u se ssaħħaħ il-possibbiltà li l-Istat Membru tar-reat ma jirrikonoxxix il-validità tal-liċenzja tas-sewqan tal-awtur tar-reat meta d-Direttiva proposta ma tkunx applikabbli.

Barra minn hekk, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali japplikaw ukoll għall-iskambju tal-informazzjoni relatata mal-liċenzji tas-sewqan, b'mod partikolari:

---

26 COM(2006) 73 final.

27 ĠU C 2016, 10.7.1998, p. 1.

28 Id-Direttiva (UE) 2022/2561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' merkanzija jew passiġġieri (kodifika) (ĠU L 330, 23.12.2022, p. 46).

29 Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1).

30 SWD (2019) 283 final.

- ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*)[31]; u
- id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32].

Il-proposta hi konsistenti wkoll ma' strumenti oħra li jippermettu r-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi jew tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji dwar materji kriminali. Timla lakuna fejn jidħlu l-iskwalifiki tas-sewqan li jirriżultaw minn deċiżjonijiet ġudizzjarji dwar materji kriminali. Biex ikunu evitati duplikazzjonijiet possibbli bejn id-Direttiva proposta u l-acquis tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-Unjoni, hu ċċarat li l-proposta hi mingħajr preġudizzju għal dawk l-istrumenti.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

L-objettiv primarju tal-proposta hu li ttejjeb is-sikurezza fit-toroq u li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni lill-utenti kollha tat-triq fl-Unjoni, kif kienet enfasizzat ukoll is-sejħa tal-Ministri tat-Trasport tal-UE fid-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu setgħat leġiżlattivi estensivi fejn tidħol l-adozzjoni ta' regoli komuni xierqa biex tiġi stabbilita politika komuni tat-trasport[33]. It-titjib tas-sikurezza fit-toroq hu objettiv primarju tal-politika tat-trasport tal-Unjoni. Għalhekk, il-miżuri li jsegwu dak l-objettiv jistgħu jiġu adottati abbażi tal-Artikolu 91(1)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)[34].

Għalhekk, il-bażi ġuridika xierqa għad-Direttiva proposta hi l-Artikolu 91(1)(c) tat-TFUE.

### • Għażla tal-istrument

L-Artikolu 91(1)(c) tat-TFUE jagħti l-possibbiltà lil-leġiżlatur tal-UE li jadotta Regolamenti u Direttivi.

Għal din il-proposta, Direttiva hi l-aktar strument xieraq li jrid jintuża biex jiġu indirizzati d-differenzi fir-regoli applikabbli dwar l-impożizzjoni u l-infurzar tal-iskwalifiki tas-sewqan fl-Istati Membri.

### • Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Skont l-Artikolu 5(3) tat-TUE, l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk l-azzjoni proposta ma tkunx tista' titwettaq biżżejjed mill-Istati Membri. Skont il-qafas leġiżlattiv attwali, is-sewwieqa

31 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

32 Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

33 Il-Kawża C-223/02, *Spanja u l-Finlandja vs il-Parlament u l-Kunsill*, ECLI:EU:C:2004:497, il-paragrafu 29 u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk.

34 Il-Kawża C-43/12, *il-Kummissjoni vs il-Parlament u l-Kunsill*, ECLI:EU:C:2014:298, il-paragrafu 43 u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk.

residenti li jwettqu saħansitra l-aktar reati tat-traffiku fit-toroq kundannabbli jżommu d-dritt tas-sewqan tagħhom fil-bqija tal-Istati Membri li mhumiex l-Istat Membru tar-reat, anke jekk dak l-Istat Membru jirrestrinġi dawn id-drittijiet. L-unika sitwazzjoni meta l-iskwalifika tas-sewqan ikollha effett fl-Unjoni kollha hi meta l-Istat Membru li japplika l-iskwalifika tas-sewqan ikun dak li ħareġ il-liċenzja tas-sewqan lill-awtur tar-reat.

Għal raġunijiet ta' sikurezza fit-toroq, hu importanti ferm li l-iskwalifiki tas-sewqan fl-Unjoni Ewropea jingħataw effett fl-Unjoni kollha. Dan jista' jinkiseb biss bi strument legali tal-UE. Id-deċiżjoni li tinħareġ liċenzja tas-sewqan jew li persuna tiċċaħħad mid-dritt tagħha billi titneħħa l-validità ta' dik il-liċenzja, tifforma parti mis-sovranità ta' Stat Membru. Għaldaqstant, l-effetti fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan dejjem se jkunu dipendenti fuq l-azzjonijiet tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan, li ma jkollux l-informazzjoni, l-istrumenti legali jew l-inċentiv meħtieġa biex jaġixxi mingħajr l-intervent tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-miżuri ta' din l-inizjattiva ma jmorrux lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv li tiżdied is-sikurezza fit-toroq billi l-iskwalifiki tas-sewqan li jirriżultaw mit-twettiq ta' ċerti reati relatati mas-sikurezza fit-toroq jingħataw effett fl-Unjoni kollha. Id-Direttiva tipprevedi t-trażmissjoni tal-iskwalifika tas-sewqan lill-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan biss fir-rigward ta' dawk ir-reati tat-traffiku maġġuri relatati mas-sikurezza fit-toroq, li jikkostitwixxu l-kawżi ewlenin tal-inċidenti u tal-fatalitajiet tat-traffiku fit-toroq fl-UE, jiġifieri r-reati tas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb (sewqan b'livell ta' alkoħol fid-demm li jaqbeż il-valur massimu permess mil-liġi) u tal-veloċità żejda (li jaqbeż il-limiti tal-veloċità fis-seħħ għat-triq jew għat-tip ta' vettura kkonċernata), kif ukoll ir-reat tas-sewqan taħt l-influwenza tad-drogi. L-iskwalifika tas-sewqan tista' tintagħat ukoll jekk tkun relatata ma' reat tat-traffiku li jkun ikkawża mewt jew korriment gravi fuq persuna.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2012, il-Kummissjoni wettqet studju legali[35], b'mod prinċipali, dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iskwalifiki intra-UE ta' tliet oqsma predefiniti, inkluż l-iskwalifiki tas-sewqan. L-istudju analizza mhux biss il-qafas ġuridiku rilevanti tal-UE, iżda anki t-Trattati u l-Konvenzjonijiet multinazzjonali u bilaterali eżistenti. L-istudju, fost l-oħrajn, ikkonkluda li jenħtieġ li tiġi adottata Direttiva ġdida, biex jiġi regolat l-infurzar transfruntier tal-iskwalifiki tas-sewqan.

Fl-2022, il-Kummissjoni kkuntrattat konsorzju magħmul mill-kumpaniji Ecorys, Wavestone u Grimaldi biex jappoġġa[36] l-Valutazzjoni tal-Impatt fir-reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2015/413. Bħala parti minn dak l-istudju, saret riċerka estensiva dwar il-qafas regolatorju u l-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-iskwalifiki tas-sewqan. Il-konklużjoni ta' dik ir-riċerka

[35] Vermeulen, Gert & Bondt, Wendy & Ryckman, Charlotte & Persak, Nina. (2012). It-triad tal-iskwalifiki: l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni, l-eżekuzzjoni tat-talbiet, l-iżgurar tal-ekwivalenza.

[36] Studju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt għar-reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2015/413 li jiffaċilita l-iskambju transfruntier tal-informazzjoni dwar ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, konsorzju tal-ECORYS (2022), MOVE/C2/SER/2019-425/SI2.819667 – żid il-link.

appoġġat ukoll il-ħolqien ta' att legali ġdid biex jipprovdi effett fl-Unjoni kollha għall-iskwalifiki tas-sewqan bir-rikonoxximent reċiproku dawk id-deċiżjonijiet.

Kif imsemmi hawn fuq, is-sitwazzjoni meta Stat Membru jissospendi, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu u minħabba mġiba illegali fit-territorju tiegħu, id-dritt tas-sewqan tad-detentur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor bħalissa hi parzjalment regolata mid-Direttiva 2006/126/KE.

Fl-2022, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat evalwazzjoni *ex post*[37] ta' dik id-Direttiva. Din uriet li l-azzjoni kkombinata tad-Direttiva 2006/126/KE u ż-żewġ predeċessuri tagħha dwar il-liċenzji tas-sewqan kisbu livell komuni tas-sikurezza għall-utenti tat-triq fl-Unjoni u ffaċilitaw il-moviment liberu. Uriet ukoll li hemm lok għal aktar titjib fil-livell tas-sikurezza fit-toroq fl-Unjoni kif ukoll fl-effiċjenza u fil-proporzjonalità ta' wħud mir-rekwiżiti regolatorji.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

F'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni aħjar[38] waqt l-evalwazzjoni *ex post* tad-Direttiva 2006/126/KE u l-valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni ta' dik id-Direttiva, saru konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati anki fir-rigward ta' din il-proposta.

Waqt il-fażi preparatorja tal-evalwazzjoni *ex post*, fis-16 ta' Ottubru 2020 saret sessjoni ta' ħidma tal-partijiet ikkonċernati, għall-fini tal-ġbir tal-evidenza, li kkonfermat is-sejbiet identifikati, it-tiftix għal rispons dwar is-sejbiet emerġenti, u l-ġbir tal-fehmiet.

Imbagħad mit-28 ta' Ottubru 2020 sal-20 ta' Jannar 2021 kienet saret konsultazzjoni pubblika miftuħa biex il-pubbliku interessat u l-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar ir-regoli fis-seħħ.

Waqt il-fażi preparatorja tal-valutazzjoni tal-impatt, il-partijiet interessati setgħu jagħtu rispons dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu (Q2 2021). Sussegwentement, twettqu l-attivitajiet ta' konsultazzjoni mmirati li ġejjin:

– Żewġ sensiliet ta' intervisti:
  - Intervisti esploratorji waqt il-fażi tal-bidu (Q1 u Q2 2022)
  - Intervisti dettaljati biex jimtlew il-lakuni fl-informazzjoni u jivvalutaw l-impatti mistennija tal-miżuri ta' politika (Q2 u Q3 2021).

– Żewġ sensiliet ta' stħarriġiet:
  - Stħarriġ li jissostanzja l-analiżi tal-problema (Q2 2022).
  - Stħarriġ li jivvaluta l-impatt tal-miżuri ta' politika (Q2 u Q3 2022).

Fl-aħħar nett, saret konsultazzjoni pubblika miftuħa ġdida fit-Q3 2022.

Il-Parlament Ewropew hu favur it-tisħiħ tal-qafas tas-sikurezza fit-toroq, b'mod partikolari billi jiddaħħal strument għar-rikonoxximent reċiproku tal-iskwalifiki tas-sewqan[39].

[37] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Evalwazzjoni tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan, SWD/2022/0017 final.

[38] https://commission.europa.eu/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation_mt

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Waqt il-fażi tal-valutazzjoni tal-impatt, saret sessjoni ta' ħidma esperta dwar il-konsegwenzi tar-reati tat-traffiku fit-toroq u l-idoneità medika (Q2 2022).

Waqt il-fażijiet preparatorji tal-fażi ta' evalwazzjoni *ex post* u tal-valutazzjoni tal-impatt, il-kumitat tal-liċenzji tas-sewqan stabbilit skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/126/KE, magħmul essenzjalment minn esperti tal-Istati Membri, kien qed jiġi infurmat u kkonsultat b'mod kostanti.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Saret valutazzjoni tal-impatt[40] dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2006/126/KE, inkluż elementi dwar l-iskwalifiki tas-sewqan. Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet approvata bi proċedura bil-miktub u rċeviet opinjoni pożittiva mingħajr kummenti mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fit-18 ta' Novembru 2022[41]. Barra minn hekk, il-ħidma preparatorja għar-reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2015/413 indirizzat ukoll b'mod sostanzjali l-kwistjoni li jinkiseb effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan bil-mezzi tar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet. L-eżitu tal-ħidma tar-riċerka kkonferma li l-iskwalifika tas-sewqan jenħtieġ li tiġi inkluża fir-reviżjoni tad-Direttiva 2006/126/KE, speċjalment għax ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/413. Madankollu, filwaqt li żviluppat l-alternattivi ta' politika, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni miġbura waqt il-fażi tal-evalwazzjoni u tal-valutazzjoni taż-żewġ Direttivi[42].

Ir-rapport finali tal-istudju ta' appoġġ tal-valutazzjoni tal-impatt għall-inizjattiva li tiġi riveduta d-Direttiva 2006/126/KE li tkopri wkoll din il-proposta, jinkludi deskrizzjoni u valutazzjoni komprensivi tal-valur miżjud tal-inizjattiva u r-rabtiet tagħha ma' inizjattivi ta' politika oħra. Dawn jinsabu fit-Taqsimiet 3.3 u 1.3 u 1.5 ta' dak ir-rapport. Deskrizzjoni dettaljata tal-alternattivi ta' politika tinsab fit-Taqsima 5.2 u 8.1, filwaqt li analiżi komprensiva tal-impatti tal-alternattivi kollha tinsab fit-Taqsima 6. Is-sommarju tal-alternattivi ta' politika eżaminati jista' jiġi kkonsultat fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni mehmuż mal-proposta dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2006/126/KE[43]. Qafas tal-UE għal infurzar transfruntier uniformi tal-iskwalifiki tas-sewqan ġie propost fil-Konvenzjoni dwar l-iskwalifiki tas-sewqan tal-1998 (l-Att tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1998)[44], li ma kienx daħal fis-seħħ minħabba nuqqas ta' ratifiki mill-Istati Membri (seba' Stati Membri biss irratifikawh[45]). Għal din ir-raġuni, dan tħassar fl-2016[46].

[39] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2021 dwar il-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030 – rakkomandazzjonijiet dwar il-passi li jmiss lejn "Viżjoni Żero" (2021/2014(INI)).

[40] SWD(2023) 128 final.

[41] RSB/RM/cdd – rsb(2022)7907617

[42] Il-valutazzjoni dwar l-istabbiliment ta' reġim għall-UE kollha tar-rikonoxximent reċiproku tal-iskwalifiki tas-sewqan ippreżentati f'dan il-Kapitolu hi bbażata l-aktar fuq l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt għar-reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transfruntier tal-informazzjoni dwar ir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza tat-toroq – Rapport Finali [għad irid jiġi ppubblikat].

[43] COM(2023) 127 final.

[44] L-Att tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1998 li jħejji Konvenzjoni dwar l-Iskwalifiki tas-Sewqan (98/C 216/01).

[45] BG, CY, IE, RO, SK, ES, u UK.

Il-pass biex jinkiseb effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan jidher li sar bl-adozzjoni tad-Direttiva 2006/126/KE, meta d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva preċedenti dwar il-liċenzji tas-sewqan (l-Artikolu 8 tad-Direttiva 91/439/KEE)[47] ġew emendati parzjalment, biex jittaffa l-fenomenu tat-"turiżmu tal-liċenzji tas-sewqan". Madankollu, il-formulazzjoni tad-dispożizzjoni l-ġdida, l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126/KE, ma tatx iċ-ċarezza meħtieġa. Id-dispożizzjoni inkwistjoni, ġiet interpretata mill-QĠUE[48] f'diversi okkażjonijiet, minħabba dubji li ħarġu mill-formulazzjoni tagħha u mis-sitwazzjonijiet differenti li japplikaw għall-iskwalifiki imposti fuq il-persuni residenti u mhux residenti. Barra minn hekk, kif enfasizzat ukoll mill-QĠUE[49], tali obbligu mhux effettiv u infurzabbli sakemm tiġi implimentata sistema għall-iskambju tal-informazzjoni dwar l-iskwalifiki bejn l-Istati Membri, biex l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu effettivament jivverifikaw jekk skwalifika imposta barra mill-pajjiż hix pendenti jew tkunx ġiet imposta fuq applikant ta' liċenzja tas-sewqan.

Minħabba l-problemi deskritti hawn fuq, skont il-qafas attwali, l-awturi tar-reati mhux residenti jiġu skwalifikati biss milli jsuqu fil-pajjiż fejn ikunu wettqu reat iżda xorta jistgħu jsuqu fl-Istati Membri tal-UE l-oħra kollha, ħlief meta l-iskwalifika tiġi imposta mill-Istat Membru tal-ħruġ tal-liċenzja. Din hi kwistjoni maġġuri, jekk wieħed iqis ir-riskju serju fuq is-sikurezza fit-toroq tas-sewwieqa li jkunu qed jiċċirkolaw fl-UE li jkollhom il-liċenzja tas-sewqan tagħhom sospiża, ristretta jew irtirata f'xi Stat Membru minħabba ksur serju u ripetut tar-regoli tat-traffiku fit-toroq.

Barra minn hekk, lil hinn minn projbizzjoni espliċita għal dan il-għan (jew meta Stati Membri oħra ma jkunux debitament informati dwar projbizzjoni pendenti) is-sewwieq mhux residenti jkun jista' japplika għal liċenzja ġdida fil-pajjiż tar-residenza tiegħu, biex jerġa' jikseb id-dritt tas-sewqan kullimkien, għax il-permess il-ġdid irid jiġi rikonoxxut, fil-prinċipju, anke fil-pajjiż tar-reat. L-istess jista' jsir mis-sewwieqa skwalifikati f'pajjiżhom stess, jekk ibiddlu r-residenza tagħhom qabel ma japplikaw għal permess ġdid.

Il-bażi ġuridika għall-iskambju tal-informazzjoni fl-UE kollha dwar l-iskwalifiki tas-sewqan hi fil-fatt diġà stabbilita fid-Direttiva 2006/126/KE[50] li teżiġi b'mod espliċitu li l-Istati Membri jgħinu lil xulxin fl-implimentazzjoni tal-miżuri tagħha u li jiskambjaw l-informazzjoni dwar il-liċenzji li jkunu ħarġu, li jkunu skambjaw, li jkunu ssostitwew, li jkunu ġeddew jew li jkunu rrevokaw, permezz tan-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-UE stabbilit għal dawn l-għanijiet (jiġifieri r-RESPER). Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2015/413 tista' tiffaċilita wkoll l-infurzar billi teżiġi li l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu twettaq ir-reat jinforma lill-awtur tar-reat b'kull skwalifika mehmuża mar-reat li allegatament twettaq.

---

46 Ir-Regolament (UE) 2016/95 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 li jħassar ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU L 26, 2.2.2016, p. 9).

47 Id-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 237, 24.8.1991, p. 1).

48 Ara, b'mod partikolari, is-Sentenza tal-20 ta' Novembru 2008, Weber, Kawża C-1/07, ECLI:EU:C:2008:640; is-Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2010, Scheffler, il-Kawża 334-09, ECLI:EU:C:2010:731,; is-Sentenza tas-26 ta' April 2012, Hofmann, C-419/10, ECLI:EU:C:2012:240, il-paragrafu 71; is-Sentenza tat-23 ta' April 2015, Aykul, C-260/13, CECLI:EU:C:2015:257; is-Sentenza tal-21 ta' Mejju 2015, Wittmann, C-339/14; ECLI:EU:C:2015:333.

49 Il-Kawża C- 419/10, *Hofmann*, ECLI:EU:C:2012:240, il-paragrafu 82.

50 L-Artikolu 15, l-Artikolu 7(5) u, skont il-ġurisprudenza, anke l-Artikolu 11(4) ta' dik id-Direttiva.

**Valutazzjoni tal-miżuri u tal-alternattivi ta' politika**

Il-miżuri fl-alternattivi ta' politika differenti kienu soġġetti għal valutazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tal-impatti ekonomiċi, soċjali (tas-sikurezza fit-toroq) u tad-drittijiet fundamentali. Il-perjodu 2025-2050 intgħażel għall-valutazzjoni tal-impatti, bi qbil mal-projezzjonijiet tax-xenarju bażi. Rigward id-drittijiet fundamentali, l-effetti se jibqgħu kkontrollati b'implimentazzjoni stretta tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, b'mod partikolari fir-RESPER.

L-impatt ekonomiku u soċjali tal-għażla ppreferuta dwar il-kisba ta' effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan mistenni jkun ġeneralment pożittiv u l-inizjattiva jenħtieġ li żżid is-sikurezza fit-toroq tal-Istati Membri. Iż-żieda fil-probabbiltà ta' eżekuzzjoni effiċjenti ta' skwalifika tas-sewqan maħruġa f'kuntest transfruntier iżżid ukoll l-effett ta' deterrent li wieħed iwettaq reat tas-sikurezza fit-toroq irrispettivament mill-fruntieri tal-Istati Membri. B'mod ġenerali, l-impatt soċjali jkun pożittiv ħafna għax il-vittmi jistgħu jiġu żgurati li l-miżuri marbuta mar-reati tat-traffiku fit-toroq imwettqa minn barrani ma jitħallewx mhux indirizzati.

L-għanijiet tal-inizjattiva se jwasslu għal żieda limitata fil-kostijiet operazzjonali tar-RESPER. Iżda dan se jiġi kkumpensat bil-kbir mill-benefiċċji miksuba meta jissalvaw il-ħajjiet tal-bnedmin b'żieda fis-sikurezza fit-toroq.

In-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi mhux mistennija jiġu affettwati direttament b'din il-proposta leġiżlattiva.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-kisba ta' effett fl-UE kollha tal-miżuri tal-iskwalifiki tas-sewqan jista' jinterferixxi mad-drittijiet fundamentali protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[51] (il-Karta) u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[52] (KEDB).

Id-deċiżjoni tal-Istat Membru tal-ħruġ li jipprovdi effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan se tkompli tillimita l-possibbiltà li l-awtur tar-reat isuq vettura bil-magna fl-Unjoni. Skont is-sitwazzjoni personali tiegħu, dan jista' jaffettwa l-eżerċizzju tal-attività professjonali tiegħu, il-ħajja tal-familja tiegħu, u l-possibbiltajiet li juża l-vetturi bil-mutur tiegħu. Għalhekk, il-proposta tista' taffettwa diversi drittijiet fundamentali; id-dritt ta' involviment f'xogħol jew il-libertà ta' twettiq tan-negozju, id-dritt għall-ħajja tal-familja, id-dritt għall-proprjetà. Barra minn hekk, il-proċeduri previsti jista' jkollhom impatt ukoll fuq id-dritt tal-persuna għal proċess ġust, id-dritt tagħha tad-difiża u d-dritt tagħha għall-protezzjoni tad-*data* personali dwarha.

Id-drittijiet fundamentali ta' awtur tar-reat jistgħu jiġu limitati meta jkun meħtieġ u meta dawn ġenwinament jissodisfaw l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni. Dan hu l-każ hawnhekk għax l-objettiv ta' interess ġenerali rikonoxxut mill-Unjoni hu t-titjib tas-sikurezza fit-toroq. Il-limitazzjonijiet ma jmorrux lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dan l-objettiv: Sewwieq li jkun wettaq reati tat-traffiku bħal dawn fit-toroq ta' Stat Membru li mhux dak li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan, filwaqt li jibbenefika mill-moviment liberu, jenħtieġ li jbati l-istess konsegwenzi meta l-liċenzja tas-sewqan tiegħu tiġi skwalifikata

[51] ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

[52] Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif emendata mill-Protokolli Nri 11, 14 u 15, l-4 ta' Novembru 1950, ETS 5.

daqslikieku sewwieq minn dak l-Istat Membru fejn ikun sar ir-reat. Dawn jenħtieġ li jitilfu l-liċenzja tas-sewqan jew id-dritt tas-sewqan tagħhom fl-Unjoni kollha. Inkella, is-sikurezza fit-toroq tkun qed titħares biss fl-Istat Membru tar-reat, u dan ikun riżultat parzjali u ineffiċjenti.

Barra minn hekk, fid-Direttiva proposta huma inklużi xi salvagwardji importanti. Il-proposta tipprevedi raġunijiet għal eżenzjoni, meta jkun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen, abbażi ta' evidenza speċifika u oġġettiva, li l-eżekuzzjoni tal-iskwalifika tas-sewqan, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tkun tinvolvi ksur ta' dritt fundamentali stabbilit fil-Karta. Raġuni oħra għal eżenzjoni tapplika meta s-salvagwardji proċedurali tal-proċeduri *in absentia* ma jiġux rispettati. Dan hu simili għal dawk li japplikaw għal strumenti oħra tar-rikonoxximent reċiproku mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI li jsaħħu d-drittijiet proċedurali tal-persuni u jrawmu l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għad-deċiżjonijiet mogħtija meta l-persuna kkonċernata fil-kawża ma tkunx preżenti[53].

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli rimedji legali ekwivalenti għal dawk ta' każijiet domestiċi simili fl-Istat Membru tar-reat, u li l-awtur tar-reat ikun jista' jappella mid-deċiżjoni li tiżgura l-effett tal-iskwalifika tas-sewqan fl-Unjoni kollha, biex jitneħħa dan l-effett, u l-iskwalifika tkun ristretta għal dik tal-Istat Membru tar-reat meta l-appell jintlaqa'. Barra minn hekk, l-awtoritajiet jeħtieġ jagħtu informazzjoni dwar il-possibbiltajiet skont il-liġi nazzjonali biex għal tiftix ta' rimedji legali bħal dawn, meta dawn isiru applikabbli u fi żmien xieraq biex ikun żgurat li dawn ikunu jistgħu jiġu eżerċitati b'mod effettiv.

Jekk jiġu applikati bil-proporzjonalità u kkumplimentati b'salvagwardji proċedurali effettivi kif deskritt hawn fuq, il-miżuri f'din il-proposta jkunu kompatibbli mar-rekwiżiti tad-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Għat-trażmissjoni u l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet, huma previsti soluzzjonijiet tekniċi diġà eżistenti (bħar-RESPER – in-network għall-iskambju tal-informazzjoni dwar il-liċenzji tas-sewqan).

Se jkun hemm bżonn xi modifiki tekniċi biex ikun żgurat li r-RESPER ikun jista' jiskambja elementi addizzjonali dwar l-iskwalifiki tas-sewqan. Iżda ta' min wieħed jinnota li b'mod ġenerali, dawn il-kostijiet aktarx ma jkunux sostanzjali. L-Istati Membri huma previsti li jkopru l-kostijiet tagħhom stess ikkawżati mill-applikazzjoni tad-Direttiva proposta. Il-kostijiet assoċjati huma relatati maż-żmien addizzjonali meħtieġ għall-investigazzjonijiet u l-kostijiet assoċjati man-notifika tal-awtur tar-reat barrani.

Fl-aħħar nett, ta' min wieħed jinnota li għalkemm l-iskwalifiki tas-sewqan spiss ikunu akkumpanjati minn penali pekunarji, din il-proposta, apposta, ma tinkludix tali penali fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha u bħala tali mhux se tikkontribwixxi fl-infurzar tagħhom.

---

53 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Kwadru 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali tal-persuni u trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tad-deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna kkonċernata fil-kawża (ĠU L 81, 27.3.2009, p. 24).

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-proposta timponi obbligu tar-rapportar fuq il-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva proposta, inkluż b'mod partikolari l-impatt tagħha fuq is-sikurezza fit-toroq. Ir-rapport tal-Kummissjoni hu dovut wara ħames snin mit-traspożizzjoni tad-Direttiva proposta mill-Istati Membri.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

*Artikolu 1: Objettiv u suġġett*

Il-proposta għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni lill-utenti tat-triq fl-Unjoni, billi tistabbilixxi regoli li jipprevedu effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan għar-reati tat-traffiku maġġuri relatati mas-sikurezza fit-toroq imwettqa fi Stat Membru ieħor li mhux dak li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan tal-awtur tar-reat.

*Artikolu 2: Definizzjonijiet*

L-Artikolu 2 jipprovdi definizzjonijiet ta' ċerti kunċetti ewlenin użati fil-proposta.

Dawn jinkludu definizzjonijiet ta' kunċetti bħal "skwalifika tas-sewqan", "Stat Membru tar-reat" (fejn iseħħ ir-reat), "Stat Membru tal-ħruġ" (li ħareġ il-liċenzja tas-sewqan) u "persuna kkonċernata".

Id-definizzjoni ta' "skwalifika tas-sewqan" tinkludi kull deċiżjoni finali li timponi skwalifika tas-sewqan minħabba t-twettiq ta' reat tat-traffiku tat-triq li jikkawża xi miżura tal-irtirar, tar-restrizzjoni jew tas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan jew tad-dritt tas-sewqan, irrispettivament minn jekk din tkunx tikkwalifika bħala miżura tas-sikurezza jew penali jew bħala sanzjoni amministrattiva jew kriminali. Anki l-kunċetti ta' rtirar, restrizzjoni u sospensjoni huma definiti. Id-Direttiva hi applikabbli għal għadd limitat ta' "reati tat-traffiku maġġuri relatati mas-sikurezza fit-toroq" definiti tajjeb, jiġifieri s-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, il-veloċità żejda, is-sewqan taħt l-influwenza tad-drogi, u l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku fit-toroq u l-kawża ta' mewt jew ta' korriment gravi fuq persuna. Tiddefinixxi wkoll "kundizzjonijiet addizzjonali" bħala kundizzjonijiet li l-persuna kkonċernata minn skwalifika tas-sewqan trid tissodisfa biex terġa' tikseb il-liċenzja tas-sewqan jew id-dritt tas-sewqan tagħha.

Għal xi kunċetti, bħal "reati tat-traffiku maġġuri relatati mas-sikurezza fit-toroq", "vettura bil-magna", "liċenzja tas-sewqan" u "residenza normali", isiru kontroreferenzi għad-definizzjonijiet fi strumenti oħra tal-Unjoni.

*Artikolu 3: Effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan*

Dan jistabbilixxi l-prinċipju li skwalifika tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru lil persuna li mhix residenti normali f'dak l-Istat Membru u li għandha liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor jenħtieġ li jkollha effett fl-Unjoni kollha.

*Artikolu 4: Dmir li skwalifika tas-sewqan tiġi notifikata*

L-Istat Membru tar-reat jenħtieġ li jinnotifika lill-Istat Membru tal-ħruġ b'kull skwalifika tas-sewqan b'tul ta' mill-inqas xahar. In-notifika jenħtieġ li ssir b'ċertifikat standard, mibgħut bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali taż-żewġ Stati Membri kkonċernati.

*Artikolu 5: Ċertifikat standard u mezz tat-trażmissjoni*

Din id-dispożizzjoni tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-format u l-kontenut taċ-ċertifikat standard qabel id-data tat-traspożizzjoni tad-Direttiva. L-aktar elementi importanti li ċ-ċertifikat għandu jkun fih huma elenkati f'din id-dispożizzjoni.

Dan l-Artikolu jistabbilixxi wkoll regoli dwar il-lingwi li bihom jista' jintbagħat iċ-ċertifikat, u jispeċifika li ċ-ċertifikat jenħtieġ li jintbagħat bir-RESPER.

*Artikolu 6: Niżguraw l-effett tal-iskwalifiki tas-sewqan fl-Unjoni kollha*

L-Istat Membru tal-ħruġ jenħtieġ li jieħu l-miżuri xierqa biex jiżgura li l-iskwalifika tas-sewqan ikollha effett fl-Unjoni kollha, sakemm ma tkunx tapplika raġuni għal eżenzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 8.

Meta l-iskwalifika tas-sewqan tkun tikkonsisti fl-irtirar tal-liċenzja tas-sewqan jew tad-dritt tas-sewqan, l-Istat Membru tal-ħruġ jenħtieġ li jirtira l-liċenzja tas-sewqan. Il-persuna kkonċernata jenħtieġ li terġa' tikseb il-liċenzja tas-sewqan jew id-dritt tas-sewqan f'konformità mar-regoli applikabbli f'dak l-Istat Membru f'ċirkostanzi simili. Dak l-Istat Membru għandu jqis ukoll, sa fejn ikun possibbli, kull parti mill-kundizzjonijiet li l-persuna kkonċernata tkun diġà ssodisfat fl-Istat Membru tar-reat biex terġa' tikseb il-liċenzja tas-sewqan jew id-dritt tas-sewqan.

Meta l-iskwalifika tas-sewqan tkun tikkonsisti minn sospensjoni jew restrizzjoni tal-liċenzja tas-sewqan jew tad-dritt tas-sewqan, il-miżura meħuda mill-Istat Membru tal-ħruġ jenħtieġ li tkun limitata biex ikun żgurat li l-iskwalifika fl-Unjoni kollha jkollha l-istess tul bħal dik imposta mill-Istat Membru tar-reat, irrispettivament minn jekk ikunx hemm kundizzjonijiet imposti minn dak l-Istat Membru fuq il-persuna kkonċernata biex terġa' tikseb il-liċenzja tas-sewqan jew id-dritt tas-sewqan.

*Artikolu 7: Effetti tal-iskwalifiki tas-sewqan fl-Istat Membru tar-reat*

Dan l-Artikolu jiċċara li d-Direttiva u b'mod partikolari l-applikazzjoni ta' xi raġuni għal eżenzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 8 mill-Istat Membru tal-ħruġ ma xxekkilx l-eżekuzzjoni tal-iskwalifika tas-sewqan imposta mill-Istat Membru tar-reat fit-territorju tiegħu.

Barra minn hekk, din tiċċara li meta skwalifika tas-sewqan imposta minn dak l-Istat Membru tar-reat tinkludi kundizzjonijiet li l-persuna kkonċernata trid tikkonforma magħhom sabiex tirkupra l-liċenzja tas-sewqan jew id-dritt li ssuq, dak l-Istat Membru jista' jkompli japplika l-iskwalifika fit-territorju tiegħu sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet.

*Artikolu 8: Raġunijiet għal eżenzjoni*

L-Artikolu 8 jistabbilixxi lista eżawrjenti ta' raġunijiet għal eżenzjoni, li abbażi tagħhom l-Istat Membru tal-ħruġ irid jirrifjuta li jagħti effett lill-iskwalifika tas-sewqan fl-Unjoni kollha, u lista ta' raġunijiet addizzjonali għal eżenzjonijiet li abbażi tagħhom jista' jirrifjuta li jagħti dak l-effett fl-Unjoni kollha.

Il-lista tinkludi dawn ir-raġunijiet għal eżenzjoni bħala inkompletezza taċ-ċertifikat; il-limitu tal-età tal-persuna kkonċernata; immunità jew privileġġ; jew il-fatt li l-perjodu pendenti tal-iskwalifika tas-sewqan ikun inqas minn xahar.

Qabel ma jinvoka xi raġuni għal eżenzjoni, l-Istat Membru tal-ħruġ jenħtieġ li jikkonsulta lill-Istat Membru tar-reat.

*Artikolu 9: Limiti taż-żmien*

Dan l-Artikolu jistabbilixxi li l-Istat Membru tal-ħruġ irid jieħu l-miżura li tagħti effett lill-iskwalifika tas-sewqan fl-Unjoni kollha fi żmien sa 15-il jum mill-wasla taċ-ċertifikat.

F'każijiet speċifiċi meta l-Istat Membru tal-ħruġ ma jkunx jista' jissodisfa l-limitu taż-żmien stabbilit għall-fażi tar-rikonoxximent, dan irid jinforma u jikkonsulta lill-Istat Membru tar-reat iżda jibqa' obbligat li jagħti effett lill-iskwalifika tas-sewqan fl-Unjoni kollha, mingħajr dewmien.

*Artikolu 10: Konsultazzjonijiet bejn l-Istati Membri*

Dan l-Artikolu jipprovdi li l-Istati Membri jenħtieġ li jikkonsultaw lil xulxin, bil-mezzi xierqa u mingħajr dewmien, biex jiżguraw l-applikazzjoni effiċjenti ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 11: Informazzjoni li trid tingħata mill-Istat Membru tal-ħruġ*

Dan l-Artikolu jipprevedi l-komunikazzjoni obbligatorja tal-informazzjoni mill-Istat Membru tal-ħruġ lill-Istat Membru tar-reat dwar aspetti u passi differenti fil-proċedura.

*Artikolu 12: Informazzjoni li trid tingħata mill-Istat Membru tar-reat*

Skont dan l-Artikolu, l-Istat Membru tar-reat irid jinforma lill-Istat Membru bil-ħruġ ta' ċirkostanzi li jistgħu jaffettwaw id-deċiżjoni oriġinali li timponi l-iskwalifika tas-sewqan u dwar it-tlestija tal-iskwalifika tas-sewqan fit-territorju tiegħu.

*Artikolu 13: Obbligu li l-persuna kkonċernata tiġi infurmata*

L-Istat Membru tal-ħruġ irid jinnotifika lill-persuna kkonċernata b'deċiżjoni jew b'miżura meħuda fir-rigward tal-iskwalifika tas-sewqan. Issir referenza speċifika għall-informazzjoni li trid tiġi kondiviża dwar ir-rimedji legali disponibbli skont il-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ.

*Artikolu 14: Rimedji legali*

Dan l-Artikolu jipprevedi li l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ rimedji legali adegwati għad-deċiżjonijiet meħuda skont din id-Direttiva. Dan jiċċara li l-iskwalifika tas-sewqan li tkun ġiet notifikata mill-Istat Membru tar-reat jenħtieġ li tiġi kkontestata biss b'azzjoni mressqa fl-Istat Membru tar-reat.

*Artikolu 15: Punti ta' kuntatt nazzjonali*

L-Istati Membri jridu jistabbilixxu l-punti ta' kuntatt nazzjonali. F'konformità mal-Artikolu 4, dawn il-punti ta' kuntatt nazzjonali jibagħtu ċ-ċertifikati. Jenħtieġ li jikkoperaw ukoll mal-awtoritajiet involuti fl-infurzar tal-iskwalifiki tas-sewqan.

*Artikolu 16: Statistika*

Skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri jridu jiġbru b'mod regolari *data* mingħand l-awtoritajiet rilevanti u jridu jżommu statistika komprensiva dwar l-iskwalifiki tas-sewqan. L-istatistika miġbura trid tintbagħat lill-Kummissjoni kull sena. Il-ġbir tad-*data* komprensiva dwar l-iskwalifiki tas-sewqan hu meħtieġ biex tkun tista' ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-funzjonament tal-mekkaniżmu stabbilit b'din id-Direttiva.

*Artikolu 17: Proċedura ta' kumitat*

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-proċedura għall-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 5.

*Artikolu 18: Relazzjoni ma' atti legali oħra*

Dan l-Artikolu jistabbilixxi li din id-Direttiva ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja u d-drittijiet tal-persuni suspettati u akkużati.

*Artikolu 19: Traspożizzjoni*

L-Istati Membri jridu jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva f'perjodu taż-żmien partikolari u jridu jinnotifikaw dawn il-miżuri nazzjonali lill-Kummissjoni.

*Artikolu 20: Rapport dwar l-applikazzjoni*

Qed jiġi stabbilit obbligu tar-rapportar u jitqiegħed fuq il-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva proposta.

*Artikolu 21: Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Din hi dispożizzjoni standard li tistipula li d-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 22: Destinatarji*

Din hi dispożizzjoni standard li tistipula li d-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

2023/0055 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-effett fl-Unjoni kollha ta' ċerti skwalifiki tas-sewqan**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), il-punt (c), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) It-titjib tas-sikurezza fit-toroq hu objettiv primarju tal-politika tat-trasport tal-Unjoni. Fil-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030 tagħha[3], il-Kummissjoni impenjat ruħha mill-ġdid għall-għan ambizzjuż li sal-2050 tikseb kważi mwiet żero u korrimenti serji żero fit-toroq tal-Unjoni ("Viżjoni Żero"), kif ukoll għall-mira fi żmien medju li tnaqqas l-imwiet u l-korrimenti serji b'50% sal-2030.

(2) Biex jintlaħaq l-għan li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq, il-Ministri tat-Trasport tal-Istati Membri, fid-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta tal-2017 dwar is-Sikurezza fit-Toroq tad-29 ta' Marzu 2017, appellaw biex jissaħħaħ il-qafas ġuridiku tal-Unjoni dwar is-sikurezza fit-toroq, b'enfasi partikolari fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jikkoperaw fil-kwistjoni tal-iskwalifiki tas-sewqan tas-sewwieqa mhux residenti.

(3) Minħabba l-moviment liberu tal-persuni u ż-żieda fit-traffiku internazzjonali tat-triq, spiss jiġu imposti skwalifiki tas-sewqan fl-Istati Membri li iżda ma jkunux dak tar-residenza normali tas-sewwieq, u li jkun ħariġlu l-liċenzja tas-sewqan.

(4) Sal-lum, Stat Membru li ma jkunx dak tar-residenza tas-sewwieq, jista' jieħu miżuri f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, u minħabba mġiba illegali fit-territorju tiegħu mid-detentur ta' liċenzja tas-sewqan miksuba fi Stat Membru ieħor, li jirriżultaw fir-rifjut tar-rikonoxximent tal-validità tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa minn Stati Membri oħra u, għalhekk, fir-restrizzjoni tad-dritt tas-sewqan tal-persuna kkonċernata. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk il-miżuri ikun limitat għat-territorju tal-Istat Membru fejn tkun saret l-imġiba illegali u l-effett tagħhom ikun

1 ĠU C , , p. .
2 ĠU C , , p. .
3 SWD(2019) 283 final.

limitat għar-rifjut tar-rikonoxximent tal-validità ta' dik il-liċenzja f'dak it-territorju. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' azzjoni mill-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan, dik il-liċenzja tas-sewqan tibqa' rikonoxxuta fil-bqija tal-Istati Membri. Dawn ix-xenarju, iżda, ixekkel milli jinkiseb livell ogħla ta' sikurezza fit-toroq fl-Unjoni. Is-sewwieqa bi skwalifika tas-sewqan fi Stat Membru li ma jkunx dak li ħareġ il-liċenzja tas-sewqan jenħtieġ li ma jiskappawx l-effetti ta' dik il-miżura meta jkunu qegħdin fi Stat Membru li ma jkunx dak fejn seħħ ir-reat.

(5) Biex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni lill-utenti kollha tat-triq fl-Unjoni, jeħtieġ jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-applikazzjoni fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan imposti minn Stat Membru li ma jkunx dak ħareġ il-liċenzja tas-sewqan tal-awtur tar-reat, li jirriżultaw minn reati tat-traffiku maġġuri relatati mas-sikurezza fit-toroq.

(6) Madankollu, jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma tkunx teżiġi l-armonizzazzjoni tar-regoli nazzjonali dwar id-definizzjoni tar-reati tat-traffiku fit-toroq, in-natura legali tagħhom u s-sanzjonijiet applikabbli għal dawk ir-reati. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi segwit l-effett tal-iskwalifiki tas-sewqan fl-Unjoni kollha irrispettivament mill-kwalifika tal-miżuri nazzjonali fl-Istat Membru tar-reat bħala amministrattivi jew kriminali.

(7) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-koperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fejn jidħlu l-materji kriminali, u dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji relatati. Barra minn hekk, jenħtieġ li din ma taffettwax il-possibbiltà li l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri jeżegwixxu deċiżjonijiet maħruġa minnhom, b'mod partikolari d-deċiżjonijiet ta' natura kriminali.

(8) L-għan preċiż ta' din id-Direttiva hu li tippermetti lill-Unjoni ssegwi l-għan li ttejjeb is-sikurezza fit-toroq tal-Unjoni. Kif sostniet il-Qorti tal-Ġustizzja, il-miżuri maħsuba biex itejbu s-sikurezza fit-toroq jiffurmaw parti mill-politika tat-trasport u jistgħu jiġu adottati abbażi tal-Artikolu 91(1), il-punt (c), tat-Trattat[4], diment li jkunu "miżuri biex titjieb is-sikurezza tat-trasport" skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni[5].

(9) L-iskwalifiki tas-sewqan li jirriżultaw minn reati tat-traffiku maġġuri relatati mas-sikurezza fit-toroq jistgħu jikkonsistu fl-irtirar, fir-restrizzjoni jew fis-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan jew tad-dritt tas-sewqan tal-awtur tar-reat. Meta r-reat ikun sar fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan, dan jista' jikkonsisti wkoll fil-kanċellazzjoni tagħha. Għalhekk l-effetti tal-iskwalifiki tas-sewqan fl-Unjoni kollha jenħtieġ li jinkisbu bl-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri kollha mill-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan.

(10) Billi s-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb (jiġifieri sewqan b'livell ta' alkoħol fid-demm li jaqbeż il-valur massimu permess mil-liġi), il-veloċità żejda (jiġifieri meta jinqabżu l-limiti tal-veloċità fis-seħħ fit-triq jew għat-tip ta' vettura kkonċernata) u s-sewqan taħt l-influwenza tad-drogi jikkostitwixxu l-kawżi ewlenin tal-ħabtiet u l-fatalitajiet tat-traffiku fit-toroq fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi prevista l-ogħla diliġenza possibbli għall-każijiet relatati ma' dawk ir-reati, li għalhekk jenħtieġ li jitqiesu bħala "reati tat-traffiku maġġuri relatati mas-sikurezza fit-toroq" għall-finijiet ta' din id-Direttiva. Barra minn hekk, minħabba s-serjetà tagħhom, anki r-reati tat-traffiku fit-

[4] ĠU C 202, 7.6.2016.

[5] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-6 ta' Mejju 2014, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill*, C-43/12, EU:C:2014:298, il-paragrafu 43.

toroq li jirriżultaw f'mewt jew korriment gravi tal-persuna tal-vittma, jenħtieġ li jitqiesu bħala reati maġġuri.

(11) L-iskwalifiki tas-sewqan imposti minn Stat Membru fir-rigward ta' persuna li ma tkunx resident normali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tad-[Direttiva l-ġdida dwar il-liċenzji tas-sewqan], u li għandha liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li jkollhom effetti fit-territorju kollu tal-Unjoni, f'termini simili bħalma jkollhom l-iskwalifiki tas-sewqan imposti fir-rigward tal-persuni bil-liċenzji tas-sewqan maħruġa minn dak l-Istat Membru. Barra minn hekk, fid-dawl tal-prinċipju tal-awtonomija proċedurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu liberi li jiddeċiedu kif l-aħjar jiksbu dak ir-riżultat f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom. Madankollu, jenħtieġ li jitqies il-fatt li meta Stat Membru jimponi skwalifika tas-sewqan fuq persuna li tkun resident normali f'dak l-Istat Membru, iżda li għandha liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor, tal-ewwel hu intitolat li jiskambja l-liċenzja biex japplika dik l-iskwalifika tas-sewqan f'konformità mal-Artikolu 11(2) tad-[Direttiva l-ġdida dwar il-liċenzji tas-sewqan].

(12) L-Istat Membru li jimponi l-iskwalifika tas-sewqan ("Stat Membru tar-reat") jenħtieġ li jinnotifika lill-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan tal-persuna kkonċernata ("Stat Membru tal-ħruġ") b'kull skwalifika tas-sewqan imposta għal perjodu ta' xahar jew aktar fuq dik il-persuna, ħalli jiġu skattati l-proċeduri meħtieġa biex ikun żgurat l-effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifika tas-sewqan. Din in-notifika jenħtieġ li tintbagħat b'ċertifikat standard biex ikun żgurat skambju tal-informazzjoni bla xkiel, affidabbli u effettiv bejn l-Istati Membri.

(13) Iċ-ċertifikat standard jenħtieġ li jkun fih sett minimu ta' *data* li tippermetti l-implimentazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-awtorità tal-Istat Membru tar-reat li jimponi l-iskwalifika tas-sewqan, ir-reat tat-traffiku maġġuri relatati mas-sikurezza fit-toroq imwettaq, l-iskwalifika tas-sewqan riżultanti, il-persuna kkonċernata, u l-proċeduri segwiti għall-impożizzjoni tal-iskwalifika. Dan iċ-ċertifikat jenħtieġ li jiġi tradott ukoll b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-ħruġ jew bi kwalunkwe lingwa oħra li l-Istat Membru tal-ħruġ ikun aċċetta, biex ikun żgurat l-ipproċessar malajr mid-destinatarju. Bl-għoti ta' din l-informazzjoni biss, iċ-ċertifikat standard jista' jiżgura l-effettività bla ma jobbliga lill-Istati Membri jikkondividu ammonti mhux proporzjonati jew eċċessivi tal-informazzjoni.

(14) L-impożizzjoni tal-iskwalifiki tas-sewqan minħabba mġiba illegali tikkontribwixxi biex ikun żgurat livell għoli ta' sikurezza fit-toroq fl-Unjoni. Abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa fl-Istati Membri, il-miżuri dwar l-irtirar, il-kanċellazzjoni, is-sospensjoni jew ir-restrizzjoni ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Istat Membru tal-ħruġ huma rikonoxxuti awtomatikament mill-Istati Membri l-oħra kollha. Għaldaqstant, l-Istat Membru tal-ħruġ jenħtieġ li jintalab jiżgura li l-iskwalifiki tas-sewqan adottati minn Stati Membri oħra jiġu rikonoxxuti mill-Istati Membri kollha. Għalhekk, man-notifika tal-iskwalifika tas-sewqan imposta, u sakemm ma tkunx applikata jew ma tiġix invokata raġuni għal eżenzjoni, l-Istat Membru tal-ħruġ jenħtieġ li jieħu l-miżuri xierqa biex jestendi l-effett tal-iskwalifika tas-sewqan għall-Unjoni kollha.

(15) Il-miżura meħuda mill-Istat Membru tal-ħruġ jenħtieġ li tvarja skont in-natura speċifika tal-iskwalifika tas-sewqan. Billi l-irtirar, is-sospensjoni jew ir-restrizzjoni ta' liċenzja tas-sewqan jew tad-dritt tas-sewqan neċessarjament iħallu konsegwenzi differenti, dawn jeħtieġu proċeduri differenti biex jingħataw effett skont il-kompetenzi tal-Istati Membri involuti. B'mod partikolari, speċifikament fir-rigward tal-irtirar, il-

persuna kkonċernata jenħtieġ li tkun tista' terġa' tikseb il-liċenzja tas-sewqan jew id-dritt tas-sewqan f'konformità mar-regoli applikabbli għall-istess ċirkostanzi fl-Istat Membru tal-ħruġ. Rigward is-sospensjoni jew ir-restrizzjoni, jenħtieġ li jkun żgurat li t-tul biss ta' dawk il-miżuri jingħata effett fl-Unjoni kollha, anki meta l-iskwalifika tas-sewqan tkun tipprevedi kundizzjonijiet addizzjonali, għax l-għan primarju ta' dawk il-miżuri hu li jwaqqaf temporanjament jew parzjalment lill-persuna kkonċernata milli ssuq, u mhux li jiddeterminaw kif dik il-persuna jenħtieġ li terġa' tikseb id-dritt tas-sewqan tagħha fl-Istat Membru tal-ħruġ.

(16) Fil-prinċipju, il-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw skwalifiki tas-sewqan fit-territorju tagħhom jenħtieġ li ma tkunx limitata b'din id-Direttiva. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istat Membru tar-reat ikun jista' jkompli japplika, f'konformità mar-regoli nazzjonali tiegħu u b'effetti limitati għat-territorju tiegħu, l-iskwalifiki tas-sewqan u kull kundizzjoni addizzjonali stabbilita skonthom sakemm il-persuna kkonċernata tikkonforma magħhom.

(17) Madankollu, importanti jitqies ukoll li l-evalwazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti skont il-liġi tal-Unjoni għall-kisba ta' liċenzja tas-sewqan hi kompetenza tal-Istat Membru tal-ħruġ. L-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet addizzjonali fl-Istat Membru tal-ħruġ jenħtieġ li ma tirriżultax ukoll fid-duplikazzjoni tar-rekwiżiti li persuna kkonċernata trid tissodisfa biex turi li l-kisba mill-ġdid ta' liċenzja tas-sewqan jew id-dritt tas-sewqan mhux se tkunu ta' periklu għas-sikurezza fit-toroq fl-Unjoni. Fid-dawl ta' dan, meta l-Istat Membru tal-ħruġ ikun adotta miżuri biex jiżgura l-effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifika tas-sewqan u, wara dan, ikun ivvaluta mill-ġdid jekk il-persuna kkonċernata hix xierqa biex terġa' tikseb il-liċenzja tas-sewqan jew id-dritt tas-sewqan, dik il-valutazzjoni jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta fl-Unjoni kollha u għalhekk anke fl-Istat Membru tar-reat.

(18) L-applikazzjoni tal-miżuri mill-Istat Membru tal-ħruġ jenħtieġ li taqdi l-għan li jkun żgurat li skwalifika tas-sewqan ikollha effett fl-Unjoni kollha u jenħtieġ li ma tkunx teħtieġ valutazzjoni ġdida tal-fatti li jwasslu għall-iskwalifika. Madankollu, biex ikun żgurat li l-effett fl-Unjoni kollha ma jmurx kontra l-prinċipju tal-proporzjonalità, id-drittijiet fundamentali jew l-eċċezzjonijiet previsti fil-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ, jixraq jiġu stabbiliti ċerti raġunijiet li jeżentaw lill-Istat Membru tal-ħruġ mill-obbligu li jadotta l-miżuri.

(19) Fl-interess tas-sikurezza fit-toroq u biex tingħata ċ-ċertezza legali lill-persuna kkonċernata u lill-Istat Membru tar-reat, l-Istat Membru tal-ħruġ jenħtieġ li jiżgura l-effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifika tas-sewqan jew jenħtieġ li japplika raġuni għal eżenzjoni fl-iqsar żmien possibbli, u fi kwalunkwe każ fi żmien sa 15-il jum mill-wasla tan-notifika tal-iskwalifika. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal meta xi ċirkostanzi eċċezzjonali jxekklu l-konformità ma' dak il-limitu taż-żmien. Madankollu, anki f'każijiet eċċezzjonali bħal dawn, l-Istat Membru tal-ħruġ jenħtieġ li jaġixxi mingħajr dewmien żejjed, u jenħtieġ li jinforma lill-Istat Membru tar-reat bil-perjodu u bir-raġuni għad-dewmien.

(20) L-implimentazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva tippresupponi komunikazzjoni mill-qrib, malajr u effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri jikkonsultaw lil xulxin kull meta jkun meħtieġ, bil-mezzi xierqa. Barra minn hekk, f'każijiet speċifiċi definiti sew, l-Istat Membru tal-ħruġ u anki l-Istat Membru tar-reat jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni importanti lil xulxin b'rabta mal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva mingħajr dewmien. Dan jenħtieġ li jkun il-każ għall-adozzjoni tal-miżuri li

jagħtu effett fl-Unjoni kollha lill-iskwalifiki tas-sewqan, deċiżjonijiet meħuda minħabba raġunijiet għal eżenzjoni, it-tmiem tal-iskwalifiki tas-sewqan u għal kull ċirkostanza li taffettwa l-iskwalifiki tas-sewqan imposti oriġinarjament.

(21) Meta jiġi notifikat bl-iskwalifika tas-sewqan u wara li jagħtiha effett fl-Unjoni kollha, l-Istat Membru tal-ħruġ jenħtieġ li jinforma lill-persuna kkonċernata mingħajr dewmien, biex jippermetti l-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali bħad-dritt li wieħed jinstema' u d-dritt li d-deċiżjonijiet jiġu kkontestati quddiem qrati u tribunali nazzjonali kompetenti.

(22) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ rimedji legali adegwati kontra l-miżuri meħuda skont din id-Direttiva, ekwivalenti għal dawk disponibbli f'każijiet domestiċi simili, u li l-informazzjoni dwar dawn ir-rimedji tingħata dawk ir-rimedji jsiru applikabbli, u fi żmien xieraq biex ikun żgurat li jkunu jistgħu jiġu eżerċitati b'mod effettiv. Iżda jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-iskwalifika tas-sewqan notifikata f'konformità mal-Artikolu 4(1) tista' tiġi kkontestata biss b'azzjoni mressqa fl-Istat Membru tar-reat.

(23) Il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom hi dritt fundamentali. F'konformità mal-Artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[6] u mal-Artikolu 16(1) tat-Trattat, kulħadd għandu d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali dwaru. Il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] u d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8], jenħtieġ li tapplika għall-ipproċessar tad-*data* personali fil-kuntest ta' din id-Direttiva f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom.

(24) Din id-Direttiva tistabbilixxi l-bażi ġuridika għall-iskambju tad-*data* personali biex jingħata effett lill-iskwalifiki tas-sewqan imposti minn Stat Membru li mhux l-Istat Membru tal-ħruġ. Din il-bażi ġuridika tikkonforma mal-Artikolu 6(1)(c) u, meta applikabbli, mal-Artikolu 10 tar-Regolament 2016/679, u mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2016/680. Id-*data* personali li trid tiġi skambjata mal-Istat Membru tal-ħruġ jenħtieġ li tkun limitata għal dik meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva.

(25) Biex ikun żgurat l-iskambju tal-informazzjoni bla xkiel, affidabbli u effettiv, kull Stat Membru jenħtieġ li jiddeżinja punt ta' kuntatt nazzjonali għall-finijiet ta' din id-Direttiva. Kull Stat Membru jenħtieġ li jiżgura wkoll li l-punti ta' kuntatt nazzjonali rispettivi tiegħu jikkooperaw mal-awtoritajiet rilevanti involuti fl-infurzar tal-iskwalifiki tas-sewqan koperti minn din id-Direttiva, b'mod partikolari biex jiżguraw li l-informazzjoni kollha meħtieġa tiġi kondiviża fi żmien xieraq.

(26) L-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru regolarment statistika komprensiva dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u jibagħtuha lill-Kummissjoni kull sena. Abbażi ta'

---

6 ĠU C 202, 7.6.2016, p. 391.

7 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

8 Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

din l-informazzjoni u informazzjoni oħra, il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-impatt tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fuq is-sikurezza fit-toroq u jenħtieġ li tippreżenta rapport dwar ir-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull ħames snin, u meta xieraq flimkien ma' proposti leġiżlattivi għall-emenda tagħha.

(27) Din id-Direttiva jenħtieġ li ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI[9] u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI[10], jew id-drittijiet tal-persuni suspettati u akkużati kif previst fid-Direttiva 2010/64/UE[11], fid-Direttiva 2012/13/UE[12], fid-Direttiva 2013/48/UE[13], fid-Direttiva (UE) 2016/343[14], fid-Direttiva (UE) 2016/800[15] u fid-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16].

(28) L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkonkludu ftehimiet jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali ma' Stati Membri oħra, biex jissupplimentaw u jiffaċilitaw is-sistema stabbilita b'din id-Direttiva. Madankollu, jenħtieġ li jagħmlu dan biss sa fejn tali ftehimiet jew arranġamenti jippermettu li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu estiżi jew imwessgħin u jgħinu biex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw ulterjorment il-proċeduri għall-kisba ta' effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan, u għalhekk sa fejn jippermettu livell ogħla ta' sikurezza fit-toroq.

(29) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-format u l-kontenut taċ-ċertifikat standard għan-notifika tal-iskwalifiki tas-sewqan. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17].

---

[9] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 102).

[10] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji (ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16).

[11] Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).

[12] Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

[13] Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

[14] Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1).

[15] Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1).

[16] Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1).

[17] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(30) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jkun żgurat l-effett fl-Unjoni tad-deċiżjonijiet li jimponu skwalifiki tas-sewqan li jirriżultaw minn reati tat-traffiku ewlenin relatati mas-sikurezza fit-toroq, bil-għan li jżidu l-livelli tas-sikurezza fit-toroq tal-Unjoni, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea[18]. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(31) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] u ta opinjoni nhar [JJ/XX/SSSS],

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Objettiv u suġġett**

Din id-Direttiva għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni lill-utenti kollha tat-triq fl-Unjoni. Għal dan il-għan, tistabbilixxi regoli li jipprevedu effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan għar-reati tat-traffiku ewlenin relatati mas-sikurezza fit-toroq imwettqa fi Stat Membru li mhux dak li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan tal-persuna kkonċernata.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "skwalifika tas-sewqan" tfisser deċiżjoni relatata mat-twettiq ta' reat tat-traffiku maġġuri relatat mas-sikurezza fit-toroq, li tirriżulta fl-irtirar, fir-restrizzjoni jew fis-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan jew tad-dritt tas-sewqan ta' sewwieq ta' vettura bil-magna, li ma tkunx għadha soġġetta għal dritt tal-appell, irrispettivament minn jekk tkunx tikkostitwixxi penali primarja, sekondarja jew supplimentari jew miżura tas-sikurezza, u irrispettivament minn jekk tkunx kwalifikata bħala miżura amministrattiva jew kriminali;

(2) "irtirar" tfisser ir-revoka tal-liċenzja tas-sewqan jew tad-dritt tas-sewqan, jew tar-rikonoxximent tagħhom;

(3) "sospensjoni" tfisser il-limitazzjoni temporanja tal-validità tal-liċenzja tas-sewqan jew tad-dritt tas-sewqan, jew tar-rikonoxximent tagħhom, għal perjodu taż-żmien fiss, jew kemm għal kombinament ta' perjodu taż-żmien fiss u li jiġu ssodisfati kundizzjonijiet addizzjonali;

(4) "restrizzjoni" tfisser il-limitazzjoni parzjali tal-validità tal-liċenzja tas-sewqan jew tad-dritt tas-sewqan, jew tar-rikonoxximent tagħhom, għal perjodu taż-żmien fiss,

[18] ĠU C 202, 7.6.2016, p. 13.

[19] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

jew diment li jiġu ssodisfati kundizzjonijiet addizzjonali, jew skont kombinament tat-tnejn;

(5) "kundizzjonijiet addizzjonali" tfisser kundizzjonijiet għajr l-iskadenza tal-perjodu taż-żmien fiss li persuna kkonċernata minn skwalifika tas-sewqan trid tikkonforma magħhom biex terġa' tikseb id-dritt tas-sewqan jew il-liċenzja tas-sewqan tagħha;

(6) "Stat Membru tar-reat" tfisser l-Istat Membru fejn tkun ingħatat l-iskwalifika tas-sewqan;

(7) "Stat Membru tal-ħruġ" tfisser l-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan tal-persuna kkonċernata, u li lilu tintbagħat l-iskwalifika tas-sewqan f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva;

(8) "vettura bil-magna" tfisser vettura bil-magna kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), tad-[Direttiva l-ġdida dwar il-liċenzji tas-sewqan];

(9) "liċenzja tas-sewqan" tfisser liċenzja tas-sewqan kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-[Direttiva l-ġdida dwar il-liċenzji tas-sewqan];

(10) "persuna kkonċernata" tfisser il-persuna fiżika li kontriha tinħareġ skwalifika tas-sewqan;

(11) "reat tat-traffiku maġġuri relatat mas-sikurezza fit-toroq" tfisser:

(a) sewqan taħt l-influwenza tax-xorb kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (g), tad-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20];

(b) veloċità żejda kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (d), tad-Direttiva (UE) 2015/413;

(c) sewqan taħt l-influwenza tad-drogi kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (h), tad-Direttiva (UE) 2015/413;

(d) imġiba li tikser ir-regolamenti tat-traffiku tat-triq, u li kkawżat mewt jew korriment gravi fuq persuna;

(12) "residenza normali" tfisser residenza normali f'konformità mal-Artikolu 17 tad-[Direttiva l-ġdida dwar il-liċenzji tas-sewqan].

*Artikolu 3*

**Effett fl-Unjoni kollha tal-iskwalifiki tas-sewqan**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li skwalifika tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru fil-konfront ta' persuna li ma għandhiex ir-residenza normali tagħha f'dak l-Istat Membru u li għandha liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor, għandu jkollha effett fit-territorju kollu tal-Unjoni f'konformità ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

**Dmir li skwalifika tas-sewqan tiġi notifikata**

1. L-Istat Membru tar-reat għandu jinnotifika lill-Istat Membru bil-ħruġ ta' kull skwalifika tas-sewqan imposta għal perjodu ta' xahar jew aktar fuq persuna li ma

[20] Id-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali tal-informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (ĠU L 68, 13.3.2015, p. 9).

jkollhiex ir-residenza normali tagħha fl-Istat Membru tar-reat u li għandha liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Istat Membru tal-ħruġ.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir b'ċertifikat standard kif previst fl-Artikolu 5 u f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3.

3. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat għandu jimla, jiffirma u jibgħat iċ-ċertifikat direttament lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tal-ħruġ, li għandu jibagħtu lill-awtorità kompetenti biex tiżgura l-effett tal-iskwalifika tas-sewqan fl-Unjoni kollha. Il-liċenzja tas-sewqan tal-persuna kkonċernata, meta tkun ġiet irtirata, u d-deċiżjoni oriġinali li timponi l-iskwalifika tas-sewqan jew kopja ċċertifikata tagħha għandha tintbagħat ukoll lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tal-ħruġ mill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat. Ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu għall-Istat Membru tar-reat li jittraduċi d-deċiżjoni oriġinali jew il-kopja ċċertifikata tiegħu.

*Artikolu 5*

**Ċertifikat standard u mezz tat-trażmissjoni**

1. Qabel [id-data tat-traspożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 19], il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-format u l-kontenut taċ-ċertifikat standard għan-notifika tal-iskwalifiki tas-sewqan. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

2. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni dwar l-awtorità li imponiet l-iskwalifika tas-sewqan fl-Istat Membru tar-reat;

(b) id-deskrizzjoni tar-reat tat-traffiku maġġuri relatat mas-sikurezza fit-toroq u l-fatti li jwasslu għall-impożizzjoni tal-iskwalifika tas-sewqan;

(c) l-isem u l-indirizz tal-persuna kkonċernata, u n-numru tal-liċenzja tas-sewqan, u jekk meħtieġ, tad-dokumenti tal-identifikazzjoni nazzjonali tal-persuna kkonċernata, meta disponibbli;

(d) id-dispożizzjonijiet legali applikabbli tal-Istat Membru tar-reat;

(e) il-proċeduri segwiti u l-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut preċiżi tal-iskwalifika tas-sewqan, inkluż meta applikabbli d-data meta s-sospensjoni jew ir-restrizzjoni ma jibqax ikollha effett, u kull kundizzjoni addizzjonali stabbilita mill-Istati Membri tar-reat;

(f) il-perjodu (f'jiem) tal-iskwalifika tas-sewqan imposta mill-Istat Membru tar-reat, li diġà jkun ġie notifikat f'dak l-Istat Membru, meta applikabbli.

3. L-Istat Membru tar-reat għandu jipprovdi traduzzjoni taċ-ċertifikat lill-Istat Membru tal-ħruġ b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-ħruġ jew b'xi lingwa oħra li l-Istat Membru tal-ħruġ ikun aċċetta f'konformità mal-paragrafu 4.

4. Kull Stat Membru jista', fi kwalunkwe ħin, jiddikjara b'dikjarazzjoni notifikata lill-Kummissjoni li jaċċetta traduzzjonijiet taċ-ċertifikati b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni waħda jew aktar, għajr il-lingwa jew il-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru. Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe ħin. Il-Kummissjoni għandha tagħmel id-dikjarazzjonijiet u kull irtirar tagħhom disponibbli għall-Istati Membri kollha.

5. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat għandu jibgħat iċ-ċertifikat lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tal-ħruġ permezz tan-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-UE msemmi fl-Artikolu 19(1) tad-[Direttiva l-ġdida dwar il-liċenzji tas-sewqan] ("RESPER").

*Artikolu 6*

**Niżguraw l-effett tal-iskwalifiki tas-sewqan fl-Unjoni kollha**

1. Man-notifika ta' skwalifika tas-sewqan f'konformità mal-Artikolu 4(1) u sakemm ma tkunx tapplika raġuni għal eżenzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 8, l-Istat Membru tal-ħruġ għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jiżgura li l-iskwalifika tas-sewqan ikollha effett fl-Unjoni kollha.

2. Meta l-iskwalifika tas-sewqan tkun tikkonsisti fi rtirar, il-miżuri meħuda mill-Istat Membru tal-ħruġ għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru tal-ħruġ għandu jirtira l-liċenzja tas-sewqan jew id-dritt tas-sewqan tal-persuna kkonċernata;

(b) il-persuna kkonċernata tista' terġa' tikseb il-liċenzja tas-sewqan jew id-dritt tas-sewqan f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru tal-ħruġ;

(c) l-Istat Membru tal-ħruġ għandu jqis kemm jista' jkun kull parti mill-kundizzjonijiet addizzjonali li magħhom il-persuna kkonċernata għandha tikkonforma biex terġa' tikseb id-dritt tas-sewqan li diġà jkunu ġew issodisfati fl-Istat Membru tar-reat.

3. Meta l-iskwalifika tas-sewqan tkun tikkonsisti f'sospensjoni jew f'restrizzjoni, il-miżuri meħuda mill-Istat Membru tal-ħruġ għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru tal-ħruġ għandu jissospendi jew jirrestrinġi l-validità tal-liċenzja tas-sewqan jew id-dritt tas-sewqan tal-persuna kkonċernata sad-data meta s-sospensjoni jew ir-restrizzjoni imposta u notifikata mill-Istat Membru tar-reat ma jibqax ikollha effetti;

(b) meta s-sospensjoni jew ir-restrizzjoni imposta u notifikata mill-Istat Membru tar-reat tkun soġġetta għall-iskadenza tal-perjodu fiss taż-żmien u li jiġu ssodisfati kundizzjonijiet addizzjonali, l-Istat Membru tal-ħruġ għandu jqis biss il-perjodu fiss taż-żmien;

(c) meta restrizzjoni tiġi imposta u notifikata mill-Istat Membru tar-reat, din għandha titqies sa fejn tkun kompatibbli mal-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ f'termini tan-natura jew it-tul taż-żmien tagħha.

4. Mingħajr preġudizzju għar-raġuni għal eżenzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 8(1), il-punt (a), meta jiġu adottati miżuri skont dan l-Artikolu, l-Istat Membru tal-ħruġ għandu jkun marbut u għandu jibbaża fuq l-informazzjoni u l-fatti pprovduti mill-Istat Membru tar-reat f'konformità mal-Artikolu 5.

*Artikolu 7*

**Effetti tal-iskwalifiki tas-sewqan fl-Istat Membru tar-reat**

1. Din id-Direttiva ma għandhiex twaqqaf lill-Istat Membru tar-reat milli jeżegwixxi l-iskwalifika tas-sewqan fit-territorju tiegħu u f'konformità mar-regoli nazzjonali tiegħu.

2. Meta skwalifika tas-sewqan li jkun fiha kundizzjonijiet addizzjonali tiġi notifikata lill-Istat Membru tal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 4(1), l-Istat Membru tar-reat jista' jkompli japplika din l-iskwalifika tas-sewqan fit-territorju tiegħu sakemm il-persuna kkonċernata tikkonforma ma' dawk il-kundizzjonijiet.

3. Iżda l-kundizzjonijiet addizzjonali marbuta ma' skwalifika tas-sewqan notifikata f'konformità mal-Artikolu 4(1) għandhom jitqiesu ssodisfati mill-Istat Membru tar-reat, meta l-Istat Membru tal-ħruġ ikun ivvaluta b'mod pożittiv li l-persuna kkonċernata tissodisfa l-kundizzjonijiet applikabbli fl-Istat Membru tal-ħruġ biex terġa' tikseb id-dritt tas-sewqan jew il-liċenzja tas-sewqan, jew biex tkun tista' tapplika għal waħda ġdida.

*Artikolu 8*

**Raġunijiet għal eżenzjoni**

1. L-Istat Membru tal-ħruġ ma għandux jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikolu 6(1) meta:

(a) iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 5 ma jkunx komplut jew ikun manifestament żbaljat u l-informazzjoni nieqsa jew l-informazzjoni korretta ma tkunx ingħatat f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;

(b) l-iskwalifika tas-sewqan tkun diġà ġiet eżegwita għalkollox fl-Istat Membru tar-reat;

(c) l-iskwalifika tas-sewqan tkun preskritta f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ;

(d) ikun hemm privileġġ jew immunità skont il-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ li jwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-iskwalifika tas-sewqan;

(e) fil-ħin tal-adozzjoni tal-miżuri, imsemmija fl-Artikolu 6(3), il-perjodu pendenti tas-sospensjoni jew tar-restrizzjoni li trid tiġi notifikata skont l-iskwalifika tas-sewqan ikun inqas minn xahar;

(f) ikunu saru proċeduri ġudizzjarji u skont iċ-ċertifikat, il-persuna kkonċernata ma dehritx personalment fil-kawża u dan irriżulta fl-adozzjoni tal-iskwalifika tas-sewqan, sakemm iċ-ċertifikat ma jiddikjarax li, f'konformità ma' rekwiżiti proċedurali ulterjuri definiti fil-liġi tal-Istat Membru tar-reat, tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(i) il-persuna kkonċernata tkun issejħet personalment fi żmien xieraq u għalhekk tkun ġiet infurmata bid-data u bil-post skedati għall-kawża li rriżultat fl-iskwalifika tas-sewqan, jew tkun effettivament irċeviet, b'mezzi oħra, informazzjoni uffiċjali dwar id-data u l-post skedati għal dik il-kawża b'tali mod li jkun ġie stabbilit b'mod inekwivoku li dik il-persuna kienet konxja mill-kawża skedata u kienet ġiet infurmata fi żmien xieraq li tali skwalifika tas-sewqan setgħet tingħata jekk dik il-persuna ma tidhirx fil-proċess;

(ii) konxja mill-kawża skedata, il-persuna kkonċernata kienet tat mandat lil avukat, maħtur mill-persuna kkonċernata jew mill-Istat, biex jiddefendi lil dik il-persuna fil-kawża u dik il-persuna kienet fil-fatt ġiet difiża minn dak l-avukat fil-kawża; jew

(iii) wara li kienet ġiet notifikata bl-iskwalifika tas-sewqan u ġiet infurmata b'mod espliċitu bid-dritt għal kawża ġdida jew għal appell, li matulu l-persuna kkonċernata jkollha d-dritt li tipparteċipa u li jippermetti rieżami tal-merti tal-każ, inkluż eżami ta' evidenza ġdida, u li jista' jwassal biex titreġġa' lura l-iskwalifika oriġinali tas-sewqan, dik il-persuna ddikjarat espressament li ma kkontestatx l-iskwalifika tas-sewqan, jew ma talbitx proċess ġdid jew ma appellatx fil-limiti taż-żmien applikabbli;

(g) f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen, abbażi ta' evidenza speċifika u oġġettiva, li l-eżekuzzjoni tal-iskwalifika tas-sewqan, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tinvolvi ksur ta' dritt fundamentali kif stabbilit fil-Karta.

2. L-Istat Membru tal-ħruġ jista' jiddeċiedi li japplika wkoll ir-raġunijiet għal eżenzjoni li ġejjin:

(a) l-iskwalifika tas-sewqan tkun relatata ma' reat tat-traffiku maġġuri relatat mas-sikurezza fit-toroq li, abbażi tal-informazzjoni notifikata skont l-Artikolu 4(1), ma jkunx sanzjonat bi skwalifika tas-sewqan skont il-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ;

(b) l-iskwalifika tas-sewqan tkun ġiet imposta biss għal raġunijiet ta' veloċità żejda u l-limiti tal-veloċità fis-seħħ fl-Istat Membru tar-reat ikunu nqabżu b'anqas minn 50 km/siegħa;

(c) skont il-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ, il-persuna kkonċernata ma tkunx tista', minħabba l-età tagħha, tinżamm responsabbli għar-reat tat-traffiku maġġuri relatat mas-sikurezza fit-toroq li minħabba fih tkun inħarġet l-iskwalifika tas-sewqan.

3. Kull meta l-Istat Membru tal-ħruġ ikun beħsiebu japplika f'każ speċifiku raġuni għal eżenzjoni skont il-paragrafu 1 jew 2, dan għandu jinforma mingħajr dewmien lill-Istat Membru tar-reat u, meta applikabbli, għandu jitlob l-informazzjoni meħtieġa biex jeżamina jekk tapplikax raġuni għal eżenzjoni msemmija fiha. L-Istat Membru tar-reat għandu jipprovdi l-informazzjoni mitluba mingħajr dewmien u jista' jipprovdi informazzjoni jew kumment addizzjonali li jqis rilevanti.

L-informazzjoni pprovduta skont dan il-paragrafu ma għandhiex tinkludi *data* personali għajr dik strettament meħtieġa għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 u għandha tintuża għall-iskop uniku tal-applikazzjoni ta' dawk il-paragrafi.

*Artikolu 9*

**Limiti taż-żmien**

1. L-Istat Membru tal-ħruġ għandu jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikolu 6(1) jew jadotta d-deċiżjoni li raġuni għal eżenzjoni skont l-Artikolu 8 tapplika mingħajr dewmien u, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, fi żmien sa 15-il jum mill-wasla taċ-ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 5(1).

2. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tal-ħruġ għandu jikkomunika mingħajr dewmien il-miżuri meħuda skont l-Artikolu 6(1) jew id-deċiżjoni li raġuni għal eżenzjoni tapplika skont l-Artikolu 8 lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat permezz tar-RESPER.

3. Meta ma jkunx possibbli, f'każ speċifiku, li jiġi ssodisfat il-limitu taż-żmien stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tal-ħruġ għandu jinforma lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat mingħajr dewmien u b'xi mezz, u għandu jagħti r-raġunijiet li minħabba fihom ma kienx possibbli li jiġi ssodisfat dak il-limitu taż-żmien.

L-iskadenza tal-limitu taż-żmien stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandhiex teħles lill-Istat Membru tal-ħruġ mill-obbligu tiegħu li jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikolu 6(1) mingħajr dewmien.

*Artikolu 10*

**Konsultazzjonijiet bejn l-Istati Membri**

Meta meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lil xulxin, bil-mezzi xierqa u mingħajr dewmien, biex jiżguraw l-applikazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 11*

**Informazzjoni li trid tingħata mill-Istat Membru tal-ħruġ**

Il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tal-ħruġ għandu jinforma mingħajr dewmien lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru dwar ir-reat:

(a) bil-wasla tan-notifika tal-iskwalifika tas-sewqan, f'konformità mal-Artikolu 4(1);

(b) bil-miżuri meħuda skont l-Artikolu 6, ladarba jkunu saru legalment vinkolanti;

(c) bi kwalunkwe deċiżjoni li raġuni għal eżenzjoni skont l-Artikolu 8 tkun tapplika flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni;

(d) bi kwalunkwe miżura li tissospendi jew li ttemm l-effett tal-iskwalifika tas-sewqan fl-Unjoni kollha u r-raġunijiet sottostanti, inkluż meta jintlaqa' l-appell tal-persuna kkonċernata.

*Artikolu 12*

**Informazzjoni li jrid jagħti l-Istat Membru tar-reat**

Il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reat għandu jinforma mingħajr dewmien lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tal-ħruġ:

(a) bi kwalunkwe ċirkostanza li taffettwa d-deċiżjoni li imponiet l-iskwalifika tas-sewqan;

(b) bl-eżekuzzjoni tal-iskwalifika tas-sewqan fl-Istat Membru tar-reat.

*Artikolu 13*

**Obbligu li l-persuna kkonċernata tiġi infurmata**

1. Kemm wara l-wasla tan-notifika skont l-Artikolu 4(1) kif ukoll wara l-adozzjoni tal-miżuri skont l-Artikolu 6(1), rispettivament, l-Istat Membru tal-ħruġ għandu jinforma lill-persuna kkonċernata mingħajr dewmien, f'konformità mal-proċeduri skont il-liġi nazzjonali tiegħu.

2. L-informazzjoni li trid tingħata f'konformità mal-paragrafu 1 għandha mill-inqas tispeċifika:

(a) meta l-informazzjoni tingħata wara l-wasla tan-notifika skont l-Artikolu 4(1):

(i) l-isem tal-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-iskwalifika tas-sewqan, tal-Istat Membru tal-ħruġ u anki tal-Istat Membru tar-reat; u

(ii) ir-rimedji legali disponibbli skont il-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ, inkluż id-dritt li wieħed jinstema';

(b) meta l-informazzjoni tingħata wara l-adozzjoni tal-miżuri meħuda skont l-Artikolu 6(1):

(i) id-dettalji tal-miżuri meħuda mill-Istat Membru tal-ħruġ;

(ii) ir-rimedji legali disponibbli skont il-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ għal kontestazzjoni tal-miżuri meħuda.

*Artikolu 14*

**Rimedji legali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw rimedji legali adegwati kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri meħuda skont din id-Direttiva, ekwivalenti għal dawk disponibbli f'każijiet domestiċi simili. Għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-informazzjoni dwar dawk ir-rimedji tingħata fi żmien xieraq biex jiżguraw li dawn ikunu jistgħu jiġu eżerċitati b'mod effettiv.

2. Skwalifika tas-sewqan notifikata skont l-Artikolu 4(1) tista' tiġi kkontestata biss b'azzjoni mressqa fl-Istat Membru tar-reat.

3. L-Istat Membru tar-reat u l-Istat Membru tal-ħruġ għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar ir-rimedji legali mitluba kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri meħuda skont din id-Direttiva.

*Artikolu 15*

**Punti ta' kuntatt nazzjonali**

1. Sa [id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], kull Stat Membru għandu jiddeżinja punt ta' kuntatt nazzjonali għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' kuntatt nazzjonali rispettivi tagħhom jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-iskwalifiki tas-sewqan imposti għat-twettiq tar-reati tat-traffiku maġġuri relatati mas-sikurezza fit-toroq, b'mod partikolari biex ikun żgurat li l-informazzjoni kollha meħtieġa tiġi kondiviża fi żmien xieraq, u li t-termini stabbiliti fl-Artikolu 9 jiġu rispettati.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-punti ta' kuntatt nazzjonali deżinjati għall-finijiet ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed l-informazzjoni li tkun irċeviet skont dan l-Artikolu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha fuq is-sit web tagħha.

*Artikolu 16*

**Statistika**

L-Istati Membri għandhom jiġbru b'mod regolari statistika komprensiva dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u għandhom jibagħtuha lill-Kummissjoni kull sena. Dik l-istatistika għandha tinkludi:

(a) l-għadd ta' notifiki magħmula skont l-Artikolu 4(1), separati skont l-Istat Membru indirizzat;

(b) l-għadd ta' drabi meta tkun ġiet invokata raġuni għal eżenzjoni, inkluż ir-raġunijiet għall-eżenzjoni applikata, separati skont l-Istat Membru tan-notifika;

(c) iż-żmien meħtieġ biex tintbagħat l-informazzjoni dwar id-deċiżjoni dwar ir-raġuni għal eżenzjoni;

(d) l-għadd ta' rimedji legali li ġew ippreżentati kontra l-miżuri meħuda skont l-Artikolu 6(1).

*Artikolu 17*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat għal-liċenzji tas-sewqan stabbilit mill-Artikolu 22 tad-[Direttiva l-ġdida dwar il-liċenzji tas-sewqan]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

   Meta jkun meħtieġ li l-opinjoni tal-kumitat tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, sal-iskadenza għall-ħruġ tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi dan jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat titlob dan.

   Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 18*

**Relazzjoni ma' atti legali oħra**

1. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-atti legali li ġejjin:

   (a) id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI;

   (b) id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI;

   (c) id-drittijiet tal-persuni suspettati u akkużati kif previst fid-Direttiva 2010/64/UE, fid-Direttiva 2012/13/UE, fid-Direttiva 2013/48/UE, fid-Direttiva (UE) 2016/343, fid-Direttiva (UE) 2016/800 u fid-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehimiet jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali ma' Stati Membri oħra wara [JJ/XX/SSSS], diment li dawn il-ftehimiet jew l-arranġamenti jkunu jippermettu li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu estiżi u jgħinu biex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw ulterjorment il-proċeduri tal-

infurzar tal-iskwalifiki tas-sewqan imposti għat-twettiq tar-reati fi Stat Membru li ma jkunx dak li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan tal-persuna kkonċernata.

*Artikolu 19*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [JJ/XX/SSSS]. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Sta għall-Istati Membri biex jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. Sa [JJ/XX/SSSS], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali tagħhom li jkunu adottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 20*

**Rapport dwar l-applikazzjoni**

Sa [dħul fis-seħħ + 5 snin], u mbagħad kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż l-impatt tagħha fuq is-sikurezza fit-toroq. Mar-rapport għandhom jinhemżu, meta meħtieġ, proposti għal emendi għal din id-Direttiva.

*Artikolu 21*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 22*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*